KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-26 ta' Ottubru 2010 [1]

1. Din il-kawża għandha bħala suġġett l-appell ippreżentat minn ThyssenKrupp Nirosta GmbH [2] kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li mill-1 ta' Diċembru 2009 saret il-"Qorti Ġenerali") tal-1 ta' Lulju 2009, ThyssenKrupp Stainless vs Il-Kummissjoni [3].

2. Din il-kawża qamet wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/486/KE, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar proċedura skond l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ Nru COMP/F/39.234 — Alloy surcharge — adozzjoni mill-ġdid) [4]. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkonstatat li mis-16 ta' Diċembru 1993 sal-31 ta' Diċembru 1994, Thyssen Stahl AG [5] kisret l-Artikolu 65 KEFA billi mmodifikat u applikat il-valuri ta' referenza użati sabiex jiġi kkalkolat l-alloy surcharge. Minħabba dan, il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 3 168 000 fuq TKS.

3. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet ta' TKS li jirrigwardaw, minnaħa waħda, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-multa.

4. Fis-sustanza, dan l-appell iqajjem diversi kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' prinċipji fundamentali tad-dritt fil-kawżi tal-kompetizzjoni. Xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet huma identiċi, u saħansitra marbuta mill-qrib ma' dawk imqajma fil-kuntest tal-appelli ppreżentati mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Marzu 2009, ArcelorMittal Luxembourg *et.* vs Il-Kummissjoni [6], fil-Kawżi magħquda C-201/09 P u C-216/09 P, fil-preżent pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fejn se nippreżenta wkoll il-konklużjonijiet tiegħi.

5. L-ewwel kwistjoni tikkonċerna l-validità tal-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, fid-dawl tal-iskadenza tat-Trattat KEFA u tal-assenza ta' dispożizzjonijiet tranżitorji, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Li kienet ThyssenKrupp Nirosta AG, li kienet ThyssenKrupp Stainless AG, iktar 'il quddiem "TKS".

3 — T-24/07, Ġabra p. II-2309, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".

4 — ĠU 2007 L 182, p. 31, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata".

5 — Iktar 'il quddiem "Thyssen".

6 — T-405/06, Ġabra p. II-771.

id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [7] biex tikkonstata u tissanzjona l-ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA. Fuq dan il-punt, ser inqis li l-Qorti Ġenerali setgħet leġittimament tqis li tali bażi legali kienet valida.

6. It-tieni kwistjoni tikkonċerna l-portata tal-awtorità ta' *res judicata*. Jista' l-mertu jitqies, mingħajr kontestazzjoni, li ġie eżaminat? Jidher ċar li le. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt billi estendiet il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* għal punt ta' dritt fis-sentenza li ma kienx is-suġġett ta' ebda kontestazzjoni u lanqas ta' ebda diskussjoni quddiemha. Fil-fatt, ebda sistema tad-dritt ma tista' tittollera li l-osservanza tal-garanziji fundamentali tas-smigħ xieraq, fosthom il-prinċipju ta' kontradittorju, twassal biex tippermetti li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jiġi estiż mingħajr limitu. Għal dawn ir-raġunijiet, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata.

7. It-tielet kwistjoni tikkonċerna l-imputabbiltà tal-prattiċi. Essenzjalment, il-kwistjoni hija dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx leġittimament takkuża lil TKS bir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn impriża oħra, u dan abbażi ta' dikjarazzjoni unilaterali maħruġa minn TKS. Jidhirli li din l-imputabbiltà hija illegali peress li tmur kontra l-prinċipju tar-responsabbiltà personali u tinjora l-fatt deċiżiv, li jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn iż-żewġ impriżi. Barra minn hekk, nippreċiża li awtorità pubblika bħalma hija l-Kummissjoni, li hija responsabbli li tiżgura li jiġu applikati l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 81 KE, ma tistax tidderoga mir-regoli u mill-prinċipji dwar l-imputabbiltà tal-prattiċi abbażi ta' ftehim partikolari stabbiliti mill-impriżi.

8. Fl-aħħar nett, ir-raba' kwistjoni tikkonċerna l-interpretazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni. Il-kwistjoni hija dwar jekk il-Kummissjoni għadhiex f'pożizzjoni li tikkundanna lil Thyssen għall-ħlas ta' multa minħabba aġir antikompetittiv li hija wettqet bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994. Min-naħa waħda, għandu jiġi eżaminat jekk, meta jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Unjoni, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni għandhiex effett relattiv, jiġifieri jekk din tapplikax biss fir-rigward tal-impriża rikorrenti, jew *erga omnes*, f'liema każ is-sospensjoni tal-preskrizzjoni matul il-proċedura ġudizzjarja tapplika fir-rigward tal-impriżi kollha li ħadu sehem fil-ksur, kemm jekk ippreżentaw rikors kif ukoll jekk le. Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu eżaminati l-effetti ta' sentenza li tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni. Wara analiżi tan-natura u tal-portata tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, ser nikkonkludi li tali proċeduri huma preskritti b'effett mill-24 ta' April 2002.

7 — Regolament tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 2, p. 205).

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KEFA*

9. L-Artikolu 65 KEFA jipprovdi li:

"1. Għandhom ikunu pprojbiti l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi u l-prattiki miftiehma kollha li, direttament jew indirettament, jista' jkollhom bħala effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, u b'mod partikolari dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar tal-prezzijiet;

b) il-limitazzjoni jew il-kontroll tal-produzzjoni, tal-iżvilupp tekniku jew tal-investiment;

c) it-tqassim tas-swieq, tal-prodotti, tal-klijenti jew tal-fonti ta' provvista.

[…]

4. L-akkordji jew deċiżjonijiet projbiti mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jkunu awtomatikament nulli u ma jistgħu jiġu invokati quddiem ebda qorti tal-Istati Membri.

Il-[Kummissjoni] għandha kompetenza esklużiva, bla ħsara għad-dritt li jitressqu proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, biex tiddeċiedi jekk l-imsemmija akkordji jew deċiżjonijiet humiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

5. Fuq l-impriżi li jkunu kkonkludew akkordju li huwa awtomatikament null, jew li jkunu applikaw jew ippruvaw japplikaw, permezz ta' arbitraġġ, penali, bojkott jew b'xi mezz ieħor, akkordju jew deċiżjoni li huma awtomatikament nulli jew akkordju li l-approvazzjoni tiegħu tkun ġiet irrifjutata jew revokata, jew li jkunu kisbu awtorizzazzjoni permezz ta' informazzjoni xjentement falza jew qarrieqa, jew li jwettqu prattiki li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-[Kummissjoni] tista' timponi multi jew penali perjodiċi li ma jistgħux jeċċedu d-doppju tad-dħul mill-bejgħ magħmul fuq il-prodotti li kienu s-suġġett tal-akkordju, tad-deċiżjoni jew tal-prattika li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; madankollu, jekk l-għan tal-akkordju jikkonsisti fil-limitazzjoni tal-produzzjoni, tal-iżvilupp tekniku jew tal-investiment, dan il-massimu jista' jiżdied sa 10 % tad-dħul mill-bejgħ annwali tal-impriżi inkwistjoni, fir-rigward tal-multa, u sa 20 % tad-dħul mill-bejgħ ta' kuljum, fir-rigward tal-penali perjodiċi. [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

10. Skont l-Artikolu 97 KEFA, it-Trattat KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002.

B — *Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE*

11. L-Artikolu 305(1) KE, li tħassar wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, kien jipprovdi:

"Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat m'għandhomx jolqtu l-dawk tat-Trattat li stabbilixxa il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri, is-setgħat ta' l-istituzzjonijiet ta' dik il-Komunità, u r-regoli stipulati minn dak it-Trattat għall-funzjonament tas-suq komuni tal-faħam u ta' l-azzar."

C — *Ir-Regolament Nru 1/2003*

12. Għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 1/2003 jirrigwarda l-implementazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni previsti fl-Artikoli 81 KE u 82 KE.

13. L-Artikolu 7(1) tar-Regolament 1/2003 jaqra kif ġej:

"Fejn il-Kummissjoni, [meta] taggixxi fuq ilment jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, issib li hemm ksur ta' l-Artikolu 81 [KE] jew ta' l-Artikolu 82 [KE], [hija] tista' b'deċiżjoni tirrikjedi l-impriża u l-assoċjazzjoni[jiet] tal-impriż[i] konċernat[i] li ttemm dan il-ksur […] Jekk il-Kummissjoni għandha interessi legitimi li tagħmel hekk, hi tista issib li kien hemm xi ksur li sar fil-passat."

14. Skont l-Artikolu 23(2)(a) tal-istess regolament, il-Kummissjoni tista', b'deċiżjoni, timponi multi fuq l-impriżi u fuq l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi meta, jew b'intenzjoni jew b'negligenza, huma jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 KE jew 82 KE.

15. L-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni li tapplika għall-ftuħ tal-proċeduri.

16. Dawn ir-regoli huma essenzjalment identiċi għal dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 715/78/KEFA, tas-6 ta' April 1978 dwar il-preskrizzjoni li tapplika għall-proċeduri u l-eżekuzzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA [8].

17. Skont l-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni Nru 715/78 u l-Artikolu 25(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-preskrizzjoni fil-qasam tal-proċeduri tagħlaq meta l-Kummissjoni ma timponix multa jew

8 — ĠU L 94, p. 22. Ir-regoli msemmija oriġinaw mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74, tas-26 ta' Novembru 1974, li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol 1, p. 61), li ma japplikax f'din il-kawża.

sanzjoni fi żmien ħames snin mill-ġurnata li fiha jkun intemm il-ksur.

18. Madankollu, skont l-Artikolu 2(1) u (2) tad-Deċiżjoni Nru 715/78 u l-Artikolu 25(3) u (4) tar-Regolament Nru 1/2003, din il-preskrizzjoni tista' tiġi interrotta bi kwalunkwe att tal-Kummissjoni li jkun intiż għall-investigazzjoni jew għall-proċeduri tal-ksur. Fost dawn l-atti hemm it-talbiet għall-informazzjoni, [il-mandati ta' spezzjoni], il-bidu tal-proċeduri jew in-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Din l-interruzzjoni tapplika fir-rigward tal-impriżi kollha li jkunu pparteċipaw fil-ksur.

19. L-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni Nru 715/78 u l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdu ġurnata ta' cut-off. Dawn jipprovdu li l-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid wara kull interruzzjoni. Madankollu, il-perijodu tal-preskrizzjoni jagħlaq mal-aħħar ġurnata li jkun ugwali għad-doppju tal-perijodu tal-preskrizzjoni li jkun għadda mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet xi multa jew pagamenti ta' penalità. Dak il-perijodu jiġi mtawwal bil-perijodu li fih il-preskrizzjoni tkun ġiet sospiża.

20. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 715/78 u l-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003 jippreċiżaw li l-preskrizzjoni fil-qasam tal-ftuħ tal-proċeduri tiġi sospiża sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

II — Il-fatti

21. Il-fatti, kif jirriżultaw mis-sentenza appellata, jistgħu jinġabru bil-mod kif ġej:

22. Krupp Thyssen Nirosta GmbH, kumpannija rregolata mil-liġi Ġermaniża, ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 1995 b'riżultat tal-fużjoni tal-attivitajiet fis-settur tal-prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli ta' Thyssen u ta' Fried Krupp AG Hoesch-Krupp. Thyssen kompliet l-attività tagħha b'mod indipendenti f'setturi oħra [9].

23. Skont l-informazzjoni mitluba fis-16 ta' Marzu 1995 mingħand diversi produtturi tal-azzar inossidabbli, il-Kummissjoni, fid-19 ta' Diċembru 1995, bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil 19-il impriża. Wara li ċerti impriżi, fosthom TKS u Thyssen, urew ix-xewqa tagħhom li jikkooperaw, il-Kummissjoni bagħtitilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida fl-24 ta' April 1997, li għaliha TKS u Thyssen wieġbu b'mod individwali.

9 — Wara diversi tibdiliet fl-isem tal-kumpannija, Krupp Thyssen Nirosta GmbH saret ThyssenKrupp Stainless AG u fl-aħħar nett, saret ThyssenKrupp Nirosta GmbH.

24. B'ittra tat-23 ta' Lulju 1997 indirizzata lill-Kummissjoni (iktar 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997"), TKS indikat dan li ġej:

"Fir-rigward tal-proċedura msemmija fis-suġġett [Każ IV/35.814 — ThyssenKrupp Stainless], inti tlabt lir-rappreżentant legali ta' [Thyssen] [...] sabiex [TKS] tikkonferma espressament li hija kienet qed tassumi r-responsabbiltà għall-atti eventwalment imwettqa minn [Thyssen], wara t-trasferiment tas-settur ta' attività tal-prodotti ċatti inossidabbli ta' [Thyssen], inkwantu huma kkonċernati l-prodotti ċatti inossidabbli, li huma s-suġġett ta' dawn il-proċeduri, u dan ukoll għall-perijodu li jmur lura sal-1993. Bil-preżenti, aħna nikkonfermawlek dan espressament."

25. Permezz tad-Deċiżjoni 98/247/KEFA [10], il-Kummissjoni kkonstatat li l-maġġorparti tal-produtturi ta' prodotti ċatti tal-azzar inossidabbli, fosthom TKS u Thyssen, kisru l-Artikolu 65(1) KEFA meta qablu, matul laqgħa miżmuma f'Madrid fis-16 ta' Diċembru 1993, li jgħollu b'mod miftiehem il-prezzijiet tagħhom b'effett mill-1 ta' Frar 1994.

26. Abbażi tad-dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, il-Kummissjoni nnotifikat b'din id-deċiżjoni lil TKS biss. Għaldaqstant, hija imponitilha multa mhux biss minħabba l-aġir tagħha stess, iżda wkoll minħabba fatti li ġiet akkużata bihom Thyssen u li jkopru l-perijodu bejn Diċembru 1993 u l-1 ta' Jannar 1995.

27. Fil-11 ta' Marzu 1998, TKS ippreżentat rikors intiż, b'mod partikolari, għall-anullament tad-deċiżjoni inizjali.

28. B'sentenza tat-13 ta' Diċembru 2001, Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni [11], il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA imwettaq minn Thyssen u konsegwentement naqqset il-multa. Hija sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx poġġiet lil TKS f'pożizzjoni li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-fatti li Thyssen kienet ġiet akkużata bihom u li, konsegwentement, kisret id-drittijiet tad-difiża ta' TKS.

29. B'sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, Thyssen Krupp vs Il-Kummissjoni [12], il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appelli ppreżentati minn TKS u l-Kummissjoni kontra din is-sentenza.

30. Wara korrispondenza bejn TKS u Thyssen, il-Kummissjoni bagħtet lil TKS dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida fil-5 ta' April 2006. TKS wieġbet għal din id-dikjarazzjoni fis-17 ta' Mejju 2006 u nżammet seduta pubblika fil-15 ta' Settembru 2006.

10 — Deċiżjoni tal-21 ta' Jannar 1998 dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ IV/35.814 — Alloy surcharge) (ĠU L 100, p. 55, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inizjali").

11 — T-45/98 u T-47/98, Ġabra p. II-3757.

12 — C-65/02 P u C-73/02 P, Ġabra p. I-6773.

31. Fl-20 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni inkwistjoni. Din id-deċiżjoni hija indirizzata lil TKS biss. Skont il-preambolu tagħha, id-deċiżjoni msemmija kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq it-Trattat KEFA u l-Artikolu 65 tiegħu kif ukoll fuq it-Trattat KE u r-Regolament Nru 1/2003. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni inkwistjoni jipprovdi li:

"*Artikolu 1*

[Thyssen] kisret l-Artikolu 65(1) KEFA mis-16 ta' Dicembru 1993 sal-31 ta' Diċembru 1994 billi mmodifikat u applikat il-valuri ta' referenza tal-formula ta' kalkolu tal-alloy surcharge, prattika li kellha bħala għan u effett li tirrestrinġi u twassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni normali fis-suq komuni.

Artikolu 2

1. Għall-ksur imsemmi fl-Artikolu [1] hija imposta multa ta' EUR 3 168 000.

2. Minħabba li b[id-dikjarazzjoni] tat-23 ta' Lulju 1997 [TKS] assumiet ir-responsabbiltà għall-aġir ta' [Thyssen], il-multa hija imposta fuq [TKS].

[…] [traduzzjoni mhux uffiċjali]"

III — Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

32. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Frar 2007, TKS ippreżentat kawża għal annullament ibbażata fuq l-Artikolu 230 KE kontra d-deċiżjoni kkontestata.

33. Dan ir-rikors kien ibbażat fuq għaxar motivi.

34. L-ewwel żewġ motivi kienu jikkonċernaw il-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata u kienu jittrattaw rispettivament il-ksur tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege* minħabba li l-Artikolu 65(1) KEFA ġie applikat wara t-23 ta' Lulju 2002 u n-natura illegali tal-applikazzjoni konġunta tar-Regolament Nru 1/2003 flimkien mal-Artikolu 65 KEFA.

35. Permezz tat-tielet motiv, TKS sostniet li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ikkonstatat, abbażi tal-awtorità ta' *res judicata*, li hija ma kinitx responsabbli għall-aġir imwettaq minn Thyssen. Sussegwentement, hija invokat l-illegalità tad-dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 fil-kuntest tar-raba' motiv tagħha.

36. Bil-ħames u s-sitt motiv, TKS invokat il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali u tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Bis-seba' motiv, hija invokat il-ksur tar-regoli tal-preskrizzjoni, fejn sostniet li l-ksur imwettaq minn Thyssen kien preskritt. It-tmien u d-disa' motiv kienu bbażati fuq il-ksur tad-drittijiet

tad-difiża minħabba, min-naħa waħda, il-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl u, min-naħa l-oħra, l-irregolarità tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

37. Sussidjarjament, TKS sostniet, fil-kuntest tal-għaxar motiv, li l-ammont tal-multa ġie kkalkolat b'mod żbaljat, inkwantu l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' kontestazzjoni tagħha fir-rigward tar-realtà tal-ksur b'mod ġenerali.

38. Fil-punti 37 u 38 tas-sentenza appellata, ġie ppreċiżat li l-partijiet instemgħu fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2008 u li, waqt din is-seduta, TKS indikat li kienet ser tirrevoka d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, ħaġa li ġiet irreġistrata fil-proċess verbal tas-seduta.

39. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u ordnat lil TKS sabiex tbati l-ispejjeż.

40. Essenzjalment, l-imsemmija Qorti qalet li l-fatt li l-Artikolu 65(1) KEFA ġie applikat wara t-23 ta' Lulju 2002 għal fatti li seħħew qabel din id-data ma jiksirx il-prinċipju *nulla poena sine lege* u li, għall-finijiet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tiġġustifika l-kompetenza tagħha abbażi tar-Regolament Nru 1/2003. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ikkonstatat, abbażi tal-awtorità ta' *res judicata,* li TKS kienet responsabbli għall-aġir ta' Thyssen minħabba d-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997.

41. Skont il-Qorti Ġenerali, il-bażijiet legali tas-sanzjoni u tat-trasferiment tar-responsabbiltà kienu stabbiliti b'mod ċar biżżejjed, min-naħa waħda, permezz tal-Artikoli 7(1) u 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u, min-naħa l-oħra, permezz tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997. L-allegat ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* ġie miċħud peress li, minħabba d-dikjarazzjoni msemmija, il-ksur ta' Thyssen kien ser jiġi imputat lil TKS. Fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, dan il-ksur ma kienx preskritt peress li l-preskrizzjoni trid tiġi evalwata fir-rigward ta' TKS u peress li din kienet sospiża matul il-proċedura ġudizzjarja li tirrigwarda d-deċiżjoni inizjali.

42. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet regolari u li l-Kummissjoni ma kisritx id-dritt ta' TKS għall-aċċess għall-fajl u lanqas wettqet żball meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-allegat nuqqas ta' kontestazzjoni tar-realtà tal-ksur imsemmi.

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

43. Insostenn tal-appell tagħha, TKS titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenza appellata u, sussidjarjament, sabiex tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u, b'mod iktar sussidjarju, sabiex tnaqqas il-multa imposta lilha permezz tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, hija titlob li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

44. Il-Kummissjoni titlob sabiex l-appell jiġi miċħud u sabiex TKS tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

V — L-appell

45. TKS ressqet ħames aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-prinċipju *nulla poena sine lege* minħabba li l-Artikolu 65(1) KEFA ġie applikat wara t-23 ta' Lulju 2002, fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 għall-Artikolu 65(1) KEFA, fuq il-ksur tas-sovranità tal-Istati firmatarji tat-Trattat KEFA u fuq il-fatt li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2007, González y Díez vs Il-Kummissjoni, ma tapplikax għall-fatti ta' din il-kawża [13].

46. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, TKS issostni li l-fatt li r-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen ġiet imputata lilha ma ġiex deċiż bħala *res judicata* fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2005, ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin il-portata tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*; li hija kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha u li hija ddeċidiet ħażin li d-dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 ittrasferixxiet ir-responsabbiltà ta' Thyssen fuqha.

13 — T-25/04, Ġabra p. II-3121.

47. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni kemm fil-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fuq it-trasferiment tar-responsabbiltà, preċiżjoni li l-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod ħażin. Bir-raba' aggravju tagħha, TKS takkuża lill-Qorti Ġenerali bil-ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-preskrizzjoni. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipji li jirregolaw il-kalkolu tal-ammont tal-multa.

A — *L-osservazzjonijiet preliminari*

48. L-eżami ta' dawn l-aggravji jeħtieġ, preliminarjament, li tiġi mfakkra n-natura tal-proċedura ta' implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni.

49. Għalkemm din il-proċedura ma taqax *stricto sensu* taħt il-kamp kriminali, hija xorta waħda għandha natura kważi repressiva. Fil-fatt, il-multi msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 huma, minħabba n-natura u l-ammont tagħhom, paragunabbli ma' piena kriminali u l-Kummissjoni, fid-dawl tal-funzjonijiet ta' investigazzjoni, ta' istruzzjoni u ta' deċiżjoni tagħha, tintervjeni qabel kollox b'mod repressiv kontra l-impriżi. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, l-imsemmija proċedura tifforma parti mill-"akkuża kriminali" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

u tal-Libertajiet Fundamentali [14] u għandha, konsegwentement, ikollha l-garanziji previsti mil-lat kriminali ta' din id-dispożizzjoni [15].

50. Din il-pożizzjoni hija skont il-linja tajba adottata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-ġurisprudenza msemmija ssemmi tliet kriterji biex jiġi stabbilit jekk akkuża hijiex ta' natura kriminali, jiġifieri l-klassifikazzjoni ġuridika tal-ksur fid-dritt domestiku, in-natura repressiva u dissważiva tas-sanzjoni kif ukoll il-grad ta' severità tas-sanzjoni li tkun suġġetta għaliha, *a priori*, il-persuna kkonċernata [16]. L-ewwel kriterju għandu biss valur formali u relattiv u ż-żewġ kriterji l-oħra huma alternattivi [17]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem adottat dan ir-raġunament għal numru ta' sanzjonijiet amministrattivi [18], fosthom is-sanzjonijiet imposti mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni [19]. Fil-fatt, fid-dawl tal-għan tad-dritt tal-kompetizzjoni (is-salvagwardja tal-ordni ekonomika pubblika), tan-natura tas-sanzjonijiet (effett kemm preventiv kif ukoll punittiv, nieqes minn kwalunkwe ħsieb ta' tiswija tal-ħsara) u tal-ammont tagħhom (piena pekunjarja ta' ammont għoli), dawn il-proċeduri għandhom, fil-fehma tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ikunu suġġetti għall-garanziji previsti fl-Artikolu 6 tal-KEDB.

51. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi din il-linja. Filwaqt li tirrileva l-ispeċifiċità tal-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kompetizzjoni, hija tapplika l-prinċipji bażiċi tad-dritt repressiv u tal-garanziji fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Għaldaqstant, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni [20], il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-prinċipju tar-responsabbiltà personali japplika għar-regoli tal-kompetizzjoni [21]. Sussegwentement, fis-sentenza Hüls vs Il-Kummissjoni [22], il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ggarantit fl-Artikolu 6(2) tal-KEDB. F'dik il-kawża, il-qorti tal-Unjoni kkunsidrat li, fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u l-grad ta' severità tas-sanzjonijiet li huwa jġorr, il-prinċipju ta'

14 — Konvenzjoni ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

15 — Fuq din il-kwistjoni, ara l-kawżi li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-272/09 P) kif ukoll Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert vs Il-Kummissjoni (C-73/10 P).

16 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Engel *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, tat-8 ta' Ġunju 1976, Serje A, Nru 22, § 82. Għal espożizzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Jussila vs Il-Finlandja, tat-23 ta' Novembru 2006, § 29 sa 39.

17 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Ezeh u Connors vs Ir-Renju Unit, tad-9 ta' Ottubru 2003, *Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet* 2003-X, § 86.

18 — Pereżempju, fir-rigward ta' kontravenzjoni amministrattiva imposta wara inċident tat-traffiku, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Öztürk vs Il-Ġermanja, tal-21 ta' Frar 1984, Serje A, Nru 73; fir-rigward ta' sanzjoni imposta minħabba ksur tal-liġijiet doganali, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Salabiaku vs Franza, tas-7 ta' Ottubru 1988, Serje A, Nru 141-A; fir-rigward ta' sanzjoni imposta mill-kunsill tas-swieq finanzjarji Franċiż, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Didier vs Franza, tas-27 ta' Awissu 2002, *Ġabra tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet* 2002-VII; fir-rigward ta' żieda fit-taxxa imposta fil-kuntest ta' proċedura għall-ħlas ta' arretrati ta' taxxa, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Jussila vs Il-Finlandja, iċċitata iktar 'il fuq, u, fir-rigward ta' twissija mogħtija mill-Kummissjoni Bankarja Franċiża, ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Dubus S.A. vs Franza, tal-11 ta' Ġunju 2009.

19 — F'dan ir-rigward, ara s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Melchers and Co. vs Il-Ġermanja, tad-9 ta' Frar 1990; Société Stenuit vs Franza, tat-30 ta' Mejju 1991, u Lilly vs Franza, tat-3 ta' Diċembru 2002. Ara wkoll, is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iċċitati iktar 'il fuq, Jussila vs Il-Finlandja, § 43 u Dubus S.A. vs France, § 35, kif ukoll, għal interpretazzjoni iżolata, is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, OOO Neste *et* vs Ir-Russja, tat-3 ta' Ġunju 2004.

20 — Sentenza tat-8 ta' Lulju 1999 (C-49/92 P, Ġabra p. I-4125).

21 — Punt 78. Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata (ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, C-97/08 P, Ġabra p. I-8237, punt 77).

22 — Sentenza tat-8 ta' Lulju 1999 (C-199/92 P, Ġabra p. I-4287).

prežunzjoni tal-innoċenza għandu japplika għall-proċeduri li jirrigwardaw ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi jew pagamenti ta' penalità [23].

52. Dawn l-elementi juru b'mod suffiċjenti li, fil-kuntest tal-analiżi ta' dan l-appell, trid tingħata attenzjoni partikolari għall-osservanza tal-garanziji fundamentali rrikonoxxuti fl-Artikoli 47 sa 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [24] kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

B — *Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għad-deċiżjoni kkontestata*

53. Essenzjalment, TKS issostni li l-Kummissjoni, minħabba li t-Trattat KEFA skada fit-23 ta' Lulju 2002, tilfet il-kompetenza tagħha biex tissanzjona ksur tal-Artikolu 65 KEFA u li ma teżisti ebda liġi li tawtorizza lill-istess Kummissjoni sabiex tapplika din id-dispożizzjoni.

23 — Punt 150.

24 — ĠU, C 83, p. 389, iktar 'il quddiem il-"Karta".

1. L-argumenti tal-partijiet

54. L-ewwel aggravju jinqasam f'erba' partijiet li huma bbażati, l-ewwel waħda, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege* minħabba li l-Artikolu 65(1) KEFA ġie applikat wara t-23 ta' Lulju 2002, it-tieni waħda, fuq in-natura illegali tal-applikazzjoni konġunta tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 flimkien mal-Artikolu 65(1) KEFA, it-tielet waħda, fuq il-ksur tas-sovranità tal-Istati firmatarji tat-Trattat KEFA u, r-raba' waħda, fuq il-fatt li s-sentenza González y Díez vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Qorti Ġenerali tirreferi għaliha fis-sentenza appellata, ma tapplikax għall-fatti ta' din il-kawża.

a) Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju *nulla poena sine lege* minħabba l-fatt li l-Artikolu 65(1) KEFA ġie applikat wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, fit-23 ta' Lulju 2002

55. Skont TKS, il-fatt li deċiżjoni tiġi bbażata fuq l-Artikolu 65 KEFA wara t-23 ta' Lulju 2002 sabiex jiġi ssanzjonat ksur li jkun waqaf qabel l-iskadenza tat-Trattat KEFA, jikser il-prinċipju tal-legalità tar-reati u tal-pieni. Fil-fatt, jekk jiġi aċċettat li ċerti prattiċi li kienu jaqgħu taħt it-Trattat KEFA illum jaqgħu taħt it-Trattat KE minħabba l-kontinwità tad-dritt tal-Unjoni, dan ikun imur kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar

il-Liġi tat-Trattati [25] u jiġi b'hekk aċċettat li d-dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali jiġu interpretati b'analoġija.

56. Minħabba l-iskadenza tat-Trattat KEFA u n-nuqqas ta' miżuri tranżitorji li jikkonċernaw l-Artikolu 65 KEFA, il-Kummissjoni ma kellhiex iktar kompetenza taħt dan l-artikolu wara t-23 ta' Lulju 2002. Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar il-fatt li l-Artikolu 65 KEFA jikkorrispondi għall-Artikolu 81 KE kif ukoll dik dwar l-applikazzjoni tal-*lex specialis* ma jibqgħux rilevanti f'din il-kawża.

57. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ssostni li t-Trattati KEFA u KE effettivament jaqgħu taħt sistema legali waħda, li fil-kuntest tagħha, it-Trattat KEFA jikkostitwixxi *lex specialis* meta mqabbel mat-Trattat KE. Għaldaqstant, il-prinċipju *nulla poena sine lege* ġie osservat peress li, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, l-istess akkordji baqgħu dejjem ipprojbiti b'dispożizzjoni li, fis-sustanza, hija identika għall-Artikolu 65 KEFA, jiġifieri l-Artikolu 81 KE. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis* u b'riżerva għall-prinċipju tal-*lex mitior*, huwa d-dritt li jkun fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti li għandu japplika.

58. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni jidhrilha li dejjem tibqa' jkollha l-kompetenza li tapplika l-Artikolu 65(1) KEFA. Fil-fatt, it-Trattati KEFA u KE jikkostitwixxu sistema legali waħda, u dan fid-dawl tas-sistema waħdanija ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, tal-kompetenza waħdanija tal-Kummissjoni f'dan il-qasam kif ukoll fid-dawl tar-relazzjoni ta' *lex specialis* u ta' *lex generalis* li teżisti bejn iż-żewġ trattati, li hija kkaratterizzata, b'mod partikolari, min-natura ġenerali tal-projbizzjoni tal-akkordji prevista fl-Artikolu 81 KE. Għal din is-sistema legali japplikaw il-prinċipji ġenerali tad-dritt komuni, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis*, u dan jiġġustifika għaliex il-Kummissjoni jibqgħalha l-kompetenza minkejja li t-Trattat KEFA jkun skada.

b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq in-natura illegali tal-applikazzjoni konġunta tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 flimkien mal-Artikolu 65(1) KEFA

59. Fl-ewwel lok, minħabba l-iskadenza tat-Trattat KEFA, TKS tiddeduċi li ma hemm ebda bażi legali li tissanzjona l-ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA. Din tfakkar li fil-qasam tad-dritt tas-sanzjonijiet kriminali ma tistax tingħata interpretazzjoni b'analoġija, u ssostni li l-Qorti Ġenerali użat tali interpretazzjoni meta aċċettat li l-Kummissjoni tista' tibbaża fuq l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 biex tissanzjona ksur tat-Trattat KEFA.

25 — *Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti,* Vol. 1155, p. 331.

60. Fit-tieni lok, TKS tfakkar li ma huwiex obbligu tal-qorti tal-Unjoni li timla lakuna ġuridika li tkun tirriżulta min-nuqqas ta' dispożizzjoni tranżitorja li tikkonċerna l-Artikolu 65 KEFA.

61. Fit-tielet lok, hija ssostni li fid-dawl tal-prinċipju tal-allokazzjoni tal-kompetenzi, il-kompetenzi tal-Kummissjoni definiti fit-Trattat KE huma strettament limitati għal dan it-trattat. Bil-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, bħala regola ta' proċedura, japplika għal din il-kawża, hija wettqet żball ta' liġi. Barra minn hekk, il-prinċipji tal-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis* ma japplikawx peress li l-Kummissjoni tilfet kull kompetenza li kellha biex tissanzjona l-ksur tal-Artikolu 65 KEFA.

62. Il-Kummissjoni tqis li l-Qorti Ġenerali applikat sew il-prinċipji tal-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis*. Fil-fatt, l-istat bħala *lex generalis* tal-Artikolu 81 KE jwassal għal applikabbiltà ġenerali tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, li trendi inutli kwalunkwe dispożizzjoni tranżitorja li tikkonċerna l-Artikolu 65 KEFA. Barra minn hekk, bil-fatt li l-Kummissjoni bbażat il-kompetenza tagħha fuq din id-dispożizzjoni, hija ma kisret ebda prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni, u dan peress li l-kwistjoni tal-kompetenza korretta ma hijiex relatata ma' dik tal-legalità tal-pieni u li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat, fil-ġurisprudenza tagħha, interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet repressivi [26].

c) Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-ksur tas-sovranità tal-Istati firmatarji tat-Trattat KEFA.

63. TKS hija tal-fehma li s-sentenza appellata tikser is-sovranità tal-Istati firmatarji tat-Trattat KEFA inkwantu, mal-iskadenza tat-trattat imsemmi, il-kompetenza għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fil-kamp tiegħu ġiet mogħtija lura lill-Istati Membri, peress li l-Istati firmatarji taw il-poter għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet lill-Kummissjoni sa dik id-data biss.

64. Il-Kummissjoni tiddubita kemm TKS, fil-kwalità tagħha bħala persuna ġuridika taħt id-dritt privat, tista' tinvoka tali ksur. Minħabba l-kontinwità fi ħdan l-istess sistema legali, l-Istati Membri, li kienu kkonfermaw unanimament id-deċiżjoni kkontestata fi ħdan il-kumitat konsultattiv, la qatt kellhom u lanqas qatt akkwistaw kompetenza biex jissanzjonaw akkordji fis-settur inkwistjoni. Għaldaqstant, TKS tixtieq tikseb impunità fil-każijiet il-qodma, li hija inkompatibbli mal-importanza tal-projbizzjoni kontra l-akkordji.

26 — Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, Ġabra p. I-4405).

d) Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq in-natura inapplikabbli tas-sentenza González y Díez vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq

65. Skont TKS, ir-riferiment li għamlet il-Qorti Ġenerali għas-sentenza González y Díez vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, huwa irrilevanti peress li s-suġġett tal-kawża (l-għajnuna mill-Istat) u l-effetti tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni ma humiex paragunabbli ma' dawk ta' din il-kawża. Barra minn hekk, il-ksur inkwistjoni mhux ser ikollu effetti fil-futur.

66. Il-Kummissjoni ssostni li ċerti aspetti minn din il-kawża u mis-sentenza González y Díez vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, huma paragunabbli inkwantu fiż-żewġ każijiet, il-fatti kollha seħħew qabel l-iskadenza tat-Trattat KEFA, iżda l-proċedura għall-ikrupru tal-għajnuna jew tas-sanzjoni seħħew wara t-23 ta' Lulju 2002. Barra minn hekk, fiż-żewġ kawżi, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni jista' jkollha effetti negattivi fil-futur.

2. Evalwazzjoni

67. Jien ser neżamina l-erba' partijiet tal-ewwel aggravju flimkien. Essenzjalment, TKS qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-punt jekk, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, il-Kummissjoni setgħetx tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA billi tibbaża l-kompetenza tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2003 li, għandu jitfakkar, jikkostitwixxi r-regolament li jimplementa l-Artikolu 81 KE.

68. Fil-fatt, f'din il-kawża, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1/2003 biex tikkonstata l-ksur. Barra minn hekk, biex timponi l-multa fuq TKS, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament. Madankollu, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont ta' din il-multa b'riferiment mhux għall-metodu ta' kalkolu adottat f'din id-dispożizzjoni, iżda għall-metodu stabbilit fl-Artikolu 65(5) KEFA, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *lex mitior*.

69. Din ma hijiex l-ewwel darba li l-Kummissjoni bbażat deċiżjoni kemm fuq id-dritt sostantiv kif ukoll fuq id-dritt proċedurali li jirriżulta mit-Trattati KEFA u KE. Hija mxiet bl-istess mod f'żewġ kawżi oħra [27].

70. Il-Kummissjoni aġixxiet b'dan il-mod peress li ma teżisti ebda dispożizzjoni tranżitorja li tippermettilha tikkonstata u tikkundanna ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA. Konsegwentement, jekk hija ma jirnexxilhiex

27 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, González y Díez vs Il-Kummissjoni, li ma ġietx appellata; u ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni li, għandu jiġi mfakkar, hija s-suġġett ta' appelli li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (C-201/09 P u C-216/09 P).

tadotta deċiżjoni qabel l-iskadenza tat-trattat imsemmi, minħabba l-iskoperta tardiva tal-aġir antikompetittiv jew, kif inhu l-każ hawnhekk, minħabba l-annullament tal-ewwel deċiżjoni, ebda test ma jippermettilha li tiżgura l-osservanza tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjoni msemmija.

71. Sussegwentement, ebda wieħed miż-żewġ regolamenti li jimplementaw ir-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni ma jikkontempla s-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA, u dan kemm għal dak li jolqot ir-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962 [28], jew ir-Regolament Nru 1/2003. Din is-sitwazzjoni tissemma' biss mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ċerti aspetti tat-trattament ta' każijiet ta' kompetizzjoni li jirriżultaw mill-iskadenza tat-Trattat KEFA [29]. Fil-fatt, il-punt 31 ta' din il-komunikazzjoni jipprovdi kif ġej:

"Jekk, meta tapplika r-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni għall-akkordji, il-Kummissjoni tikkonstata ksur f'qasam li jaqa' taħt it-Trattat KEFA, id-dritt sostantiv applikabbli għandu jkun, indipendentement minn meta sseħħ tali applikazzjoni, dak fis-seħħ fil-mument meta jseħħu l-fatti li jikkostitwixxu l-ksur. Fi kwalunkwe każ, fuq livell proċedurali, id-dritt applikabbli wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA huwa d-dritt KE […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

28 — L-ewwel regolament li jimplimenta l-Artikoli [81] u [82] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 3).

29 — ĠU 2002, C 152, p. 5.

72. Minħabba din il-lakuna, il-Kummissjoni adottat soluzzjoni inizjali li l-Qorti Ġenerali ċaħdet fis-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2007, SP vs Il-Kummissjoni [30], Riva Acciaio vs Il-Kummissjoni (T-45/03), Feralpi Siderurgica vs Il-Kummissjoni (T-77/03), u Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-94/03). F'kull waħda minn dawn il-kawżi, il-Kummissjoni kienet ibbażat il-kompetenza tagħha esklużivament fuq id-dispożizzjonijiet tat-Trattat KEFA, u dan minkejja li dan kien skada. Għaldaqstant, fid-deċiżjoni adottata fis-17 ta' Diċembru 2002 fir-rigward ta' Ferriere Nord SpA, il-Kummissjoni, biex tikkonstata ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA, ibbażat ruħha fuq l-Artikolu 65(4) KEFA, u biex timponi multa fuq l-impriża, ibbażat ruħha fuq l-Artikolu 65(5) KEFA.

73. Il-Qorti Ġenerali annullat dawn id-deċiżjonijiet kollha minħabba nuqqas ta' kompetenza. B'mod partikolari, hija fakkret li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [31], id-dispożizzjoni li tikkostitwixxi l-bażi legali ta' att u li tawtorizza lill-istituzzjoni Komunitarja tadotta l-att inkwistjoni għandha tkun fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tiegħu.

74. Il-Kummissjoni ma appellat fl-ebda waħda minn dawk il-kawżi msemmija.

30 — T-27/03, T-46/03, T-58/03 u T-79/03 u T-80/03, T-97/03 u T-98/03, Ġabra p. II-4331.

31 — Ara s-sentenza tal-4 ta' April 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-269/97, Ġabra p. I-2257), fejn il-Qorti msemmija ddeċidiet li l-"atti Komunitarji għandhom jiġu adottati skont ir-regoli tat-Trattat li jkunu fis-seħħ fil-mument li huma jiġu adottati" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 45).

75. Għaldaqstant, fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni ppreżentat soluzzjoni ġdida, billi qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq konġunzjoni bejn id-dritt sostantiv li jirriżulta mit-Trattat KEFA u d-dritt proċedurali sussidjarju tat-Trattat KE, li kienu fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

76. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-legalità ta' din il-konġunzjoni billi tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni teleoloġika tar-regoli stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Biex irrikonoxxiet is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta tali deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali rraġunat fuq tliet linji. L-ewwel nett, fil-punti 75 sa 79 tas-sentenza appellata, hija fakkret in-natura u l-portata tat-Trattat KEFA fis-sistema legali tal-Unjoni. Sussegwentement, fil-punti 80 sa 84 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-koerenza u l-identiċità tal-għanijiet imfittxija miż-żewġ trattati billi applikat ir-regoli ta' interpretazzjoni stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-aħħar nett, fil-punti 85 sa 89 tas-sentenza msemmija, il-Qorti Ġenerali vverifikat li l-Kummissjoni kienet aġixxiet b'osservanza tal-prinċipju tal-legalità u, b'mod partikolari, tal-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis*.

77. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nikkonferma, l-istess bħall-Qorti Ġenerali, il-validità ta' din il-bażi legali u, f'dan ir-rigward, ser nirriproduċi l-linji tar-raġunament tagħha.

78. Fis-sistema legali tal-Unjoni, it-Trattat KEFA kien jikkostitwixxi sistema speċifika għas-setturi tal-azzar u tal-faħam, li jidderoga mir-regoli ġenerali stabbiliti fil-kuntest tat-Trattat KE. Ir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ trattati kienet ittrattata fl-Artikolu 305 KE. Din id-dispożizzjoni kellha l-effett li tipprekludi l-applikazzjoni tat-Trattat KE u tad-dritt sussidjarju tiegħu għall-merkanzija li taqa' taħt is-setturi tal-azzar u tal-faħam meta l-kwistjonijiet li jitqajmu jkunu s-suġġett ta' regola speċifika stabbilita fil-kuntest tat-Trattat KEFA [32].

79. Madankollu, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, it-Trattat KE u d-dispożizzjonijiet adottati għall-implementazzjoni tiegħu, japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt dik il-komunità settorali [33] u, wara li skada t-Trattat KEFA msemmi fit-23 ta' Lulju 2002, il-kamp ta' applikazzjoni ġenerali tat-Trattat KE ġie estiż għas-setturi li inizjalment kienu rregolati mit-Trattat KEFA.

80. Din is-suċċessjoni fil-kuntest ġuridiku tat-Trattat KE wara t-Trattat KEFA, seħħet fil-kuntest tal-unità "funzjonali" bejn iż-żewġ komunitajiet [34]. Ta' spiss, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' sistema legali waħda [35]. Hija aċċettat ukoll l-eżistenza ta' sistema legali kkontinwata, fejn, ħlief f'każ ta' dispożizzjoni kuntrarja min-naħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni, trid tiġi żgurata

32 — Ara s-sentenza tat-22 ta' April 2008, Il-Kummissjoni vs Salzgitter (C-408/04 P, Ġabra p. I-2767, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara s-sentenza tat-2 ta' Mejju 1996, Hopkins *et* (C-18/94, Ġabra p. I-2281, punt 14 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

34 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1960, Campolongo vs L-Awtorità Għolja (27/59 u 39/59, Ġabra p. 795, 824).

35 — Ara l-opinjoni 1/91, tal-14 ta' Diċembru 1991 (Ġabra p. I-6079, punt 21).

l-kontinwità tas-sistemi legali f'każ ta' tibdil fil-leġiżlazzjoni [36].

81. Is-sentenzi Busseni [37] u Lucchini [38], li l-Qorti Ġenerali tibbaża r-raġunament tagħha fuqhom, juru l-mod kif il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta din l-unità funzjonali bejn iż-żewġ trattati. Dawn iż-żewġ kawżi kienu jikkonċernaw il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari biex jiġu interpretati r-regoli tat-Trattat KEFA.

82. L-ewwel kawża kienet tirrigwarda s-sitwazzjoni fejn il-kompetenza msemmija ma kinitx espressament prevista fl-Artikolu 41 KEFA, u dan b'kuntrast mat-test tal-Artikolu 234 KE. Bil-għan li timla din il-lakuna, il-Qorti tal-Ġustizzja ma żammitx biss mad-differenzi fit-test li jeżistu bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet u bbażat ruħha fuq l-għanijiet komuni mfittxija minnhom kif ukoll fuq l-għan u l-koerenza tat-Trattati. Hija indikat li "jkun […] kontra [dan] l-għan u [din] il-koerenza […] li, meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda r-regoli stabbiliti mit-Trattati [KE] u KEEA, id-determinazzjoni tas-sens u tal-portata tagħhom tkun finalment trid issir mill-Qorti tal-Ġustizzja […], filwaqt li, meta d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jkunu jirrigwardaw it-Trattat KEFA, *din il-kompetenza tkun biss tad-diversi qrati nazzjonali, li l-interpretazzjonijiet tagħhom jistgħu jkunu diverġenti, u li l-Qorti tal-Ġustizzja […] ma jkollhiex kapaċità li tiżgura li tingħata interpretazzjoni uniformi lil dawk id-dispożizzjonijiet* [39]" [40].

83. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dan ir-raġunament fil-kawża Lucchini, iċċitata iktar 'il fuq. Din kienet tirrigwarda s-sitwazzjoni fejn, minħabba l-iskadenza tat-Trattat KEFA, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ser titlef il-kompetenza tagħha biex tiddeċiedi fuq domandi preliminari li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattat imsemmi. Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li ammettiet li l-Artikolu 41 KEFA ma kellux japplika iktar, sostniet li jkun kontra l-għan u l-koerenza tat-Trattati u irrikonċiljabbli wkoll mal-kontinwità tas-sistema legali Komunitarja jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex kompetenza sabiex tiżgura interpretazzjoni uniformi tar-regoli marbuta mat-Trattat KEFA li jibqgħu jipproduċu effetti anki wara l-iskadenza ta' dan tal-aħħar [41].

84. Huwa abbażi ta' din il-ġurisprudenza li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza inkwistjoni. Apparti mid-differenzi li jeżistu fit-testi bejn l-Artikoli 65(1) KEFA u 81 KE, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bl-istess mod mill-qorti tal-Unjoni u għandhom għanijiet identiċi.

36 — Sentenza tal-25 ta' Frar 1969, Klomp (23/68, Ġabra p. 43, punt 13).

37 — Sentenza tat-22 ta' Frar 1990 (C-221/88, Ġabra p. I-495, punti 8 sa 16).

38 — Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007 (C-119/05, Ġabra p. I-6199).

39 — Enfasi tiegħi.

40 — Sentenza Busseni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 16).

41 — Sentenza Lucchini, iċċitata iktar 'il fuq (punt 41).

85. Fil-fatt, kliem l-Artikoli 65(1) KEFA u 81(1) KE huma biżżejjed biex juru li l-Istati Membri riedu jżommu l-istess regoli u l-istess kamp ta' intervent tal-Komunitajiet. Għalkemm fil-kliem tagħhom hemm differenza, dawn id-dispożizzjonijiet jesprimu l-istess għanijiet, jiġifieri dak li jitwaqqaf suq komuni li fih ikun hemm kompetizzjoni effettiva u effikaċi u dak li, għal dan il-għan, ikunu pprojbiti l-akkordji li għandhom bħala għan jew riżultat tagħhom id-distorsjoni tal-kors normali tal-kompetizzjoni. Kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, l-għan li jkun hemm kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-setturi tal-azzar u tal-faħam ma ġiex, għalhekk, interrott minħabba li skada t-Trattat KEFA; dan l-għan sempliċement kompla fil-kuntest tat-Trattat KE. Barra minn hekk, l-Artikoli 65(1) KEFA u 81(1) KE jipproteġu l-istess interessi ġuridiċi. Fuq il-livell tal-metodi ta' azzjoni, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jistrieħu fuq premessi simili [42] u l-implementazzjoni tagħhom taqa' taħt l-istess awtorità, jiġifieri l-Kummissjoni.

86. F'dawn iċ-ċirkustanzi u salv li jiġu osservati l-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis*, jidhirli li l-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tikkonkludi li l-kontinwità tas-sistema legali Komunitarja u tal-għanijiet li jirregolaw il-funzjonament tagħha teżiġi li, bħala suċċessur tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u tal-Azzar, il-Komunità Ewropea għandha tiżgura, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li nħolqu taħt it-Trattat KEFA, l-osservanza tad-drittijiet u tal-obbligi li kienu imposti għal dan il-għan kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq l-individwi [43]. Għalhekk, jidhirli li jekk wieħed jaċċetta li, wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA, il-Komunità ma jkollhiex din il-kompetenza, dan ikun imur kontra l-għan u l-koerenza tat-Trattati mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni u jkun inkompatibbli mal-kontinwità tas-sistema legali Komunitarja rikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

87. Evidentement, din l-interpretazzjoni tapplika biss jekk il-Komunità, irrappreżentata f'dan il-każ mill-Kummissjoni, taġixxi b'osservanza tal-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi *ratione temporis* [44]. Dawn il-prinċipji, li ġew imfakkra mill-Qorti Ġenerali fil-punt 85 tas-sentenza appellata, huma dawn li ġejjin.

88. F'dak li jikkonċerna r-regoli proċedurali, dawn huma kkunsidrati li japplikaw għall-kawżi pendenti kollha minn meta dawn jidħlu fis-seħħ. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni trid

42 — F'dan ir-rigward, huwa interessanti li jiġi nnotat li, skont il-linji gwida stabbiliti fl-1998 mil-leġiżlatur tal-Unjoni, il-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża li tkun kisret l-Artikolu 65(1) KEFA jew l-Artikolu 81(1) KE huwa bbażat fuq il-kriterji stabbiliti fil-kuntest tat-Trattat KE, jiġifieri s-serjetà u d-dewmien tal-ksur [ara l-linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skond l-artikolu 15(2) tar-Regolament Nru. 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 171 sa 173)].

43 — Punt 83 tas-sentenza appellata.

44 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 2008, Varec (C-450/06, Ġabra p. I-581), fejn l-imsemmija Qorti fakkret li r-regoli tal-proċedura huma ġeneralment meqjusa applikabbli għall-kawżi kollha li jkunu pendenti meta dawn jidħlu fis-seħħ, bil-kontra tar-regoli sostantivi li ġeneralment jiġu interpretati bħala li ma japplikawx, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet li ġraw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom (punt 27).

tipproċedi kontra l-ksur imwettaq taħt it-Trattat KEFA bil-modi u skont il-proċedura stabbiliti mid-dispożizzjonijiet li jkunu fis-seħħ fid-data tad-deċiżjoni tagħha, jiġifieri dawk previsti taħt ir-Regolament Nru 1/2003.

89. Min-naħa l-oħra, dan ma jgħoddx għar-regoli sostantivi. Dawn ma japplikawx b'mod retroattiv, ħlief jekk ma jipprovdix mod ieħor il-leġiżlatur tal-Unjoni [45]. Id-dritt sostantiv li japplika jibqa' allura dak li jkun fis-seħħ fil-mument li fih jitwettaq il-ksur. Din ir-regola tippermetti li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tal-individwi li għandhom sempliċement ikunu jistgħu jkunu jafu l-limiti tal-libertà individwali tagħhom mingħajr ma jiġu għalhekk maħsuda, fil-previżjonijiet tagħhom, minn xi liġi retroattiva.

90. Din ir-regola toħroġ mill-prinċipju tal-legalità tar-reati u tal-pieni stabbilit fl-Artikolu 49(1) tal-Karta kif ukoll fl-Artikolu 7(1) tal-KEDB.

91. L-Artikolu 49(1) tal-Karta jippreċiża dan li ġej:

"L-ebda persuna m'għandha tiġi kkundannata għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta sar jew saret, ma kienx jew ma kenitx reat skond il-liġi nazzjonali jew il-liġi internazzjonali. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat. Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli."

92. Jidhirli li l-analiżi li saret mill-Qorti Ġenerali fil-punt 89 tas-sentenza appellata hija perfettament konformi ma' dan il-prinċipju. Fil-fatt, l-Artikolu 65(1) KEFA, li jiddefinixxi l-ksur, fil-fatt kien jikkostitwixxi d-dispożizzjoni sostantiva applikabbli u effettivament applikata mill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni kkontestata kienet tikkonċerna sewwasew sitwazzjoni ġuridika li seħħet definittivament qabel l-iskadenza tat-Trattat KEFA peress li seħħet bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura li għandu bħala *lex specialis*, it-Trattat KEFA u d-dispożizzjonijiet li jimplementawh kienu l-uniċi li japplikaw għal dan it-tip ta' sitwazzjonijiet, li kienu seħħew qabel l-iskadenza tiegħu. Fl-aħħar nett, kif indikat il-Qorti Ġenerali, il-leġiżlatur tal-Unjoni mkien ma pprovda li l-Artikolu 81 KE japplika b'mod retroattiv meta jkun skada t-Trattat KEFA.

93. Għaldaqstant, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkundannat azzjoni li, fil-mument meta twettqet, kienet tikkostitwixxi ksur. Peress li dan il-ksur seħħ bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994, dan kien jaqa' b'mod ċar u preċiż taħt l-Artikolu 65(1) KEFA. Barra minn hekk, il-ksur imsemmi kien punibbli b'sanzjoni definita b'mod ċar

45 — B'eċċezzjoni għal din ir-regola, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-regoli sostantivi jistgħu jolqtu sitwazzjonijiet li jkunu seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess regoli jekk l-analiżi tat-termini, tal-għanijiet jew tal-istruttura tagħhom tippermetti li jingħatalhom dan l-effett (sentenza Varec, iċċitata iktar 'il fuq).

fl-Artikolu 65(5) KEFA. Għaldaqstant, l-impriżi kienu informati perfettament bil-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom, kemm fil-kuntest tal-ewwel proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni inizjali kif ukoll fil-kuntest tal-proċedura preżenti. Fl-aħħar nett, ninnota li fil-kuntest daqshekk partikolari ta' adozzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni, TKS ma setgħetx tibbaża ruħha validament fuq l-iskadenza tat-Trattat KEFA biex tevita l-kundanna min-naħa tal-Kummissjoni (inkwantu l-ksur imwettaq minn Thyssen kien imputabbli lilha).

94. F'dan il-każ, f'dak li jikkonċerna r-regoli proċedurali, huwa magħruf li, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Artikolu 81 KE, id-dispożizzjonijiet li jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni ta' kundanna u biex timponi sanzjoni fuq l-impriżi li jkunu kisru l-Artikolu 81 KE huma rispettivament, b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1/2003, jiġifieri mill-1 ta' Mejju 2004, l-Artikoli 7(1) u 23(2) tar-regolament imsemmi. Għalhekk, wara li ddeċidiet li dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu regoli proċedurali, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-applikazzjoni immedjata tagħhom.

95. Huwa fuq dan l-aħħar punt li ser niddistakka ruħi mill-analiżi tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 ma jawtorizzax biss lill-Kummissjoni biex timponi multa. Huwa jistabbilixxi wkoll l-ammont tal-istess multa. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi regola ta' dritt sostantiv.

96. Għaldaqstant, fil-kuntest partikolari ta' din il-kawża, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-imsemmija dispożizzjoni sabiex teżerċita s-setgħa ta' sanzjoni fuq TKS. F'dak li jikkonċerna l-ammont tal-multa, il-Kummissjoni, abbażi tal-prinċipju *lex mitior* li jinsab fl-Artikolu 49(1) tal-Karta, ikkalkolatu skont l-Artikolu 65(5) KEFA sabiex TKS tibbenefika mis-sanzjoni l-inqas ħarxa.

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, tibbaża ruħha fuq l-Artikoli 7(1) u 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 biex tikkonstata u tissanzjona l-akkordji konklużi fis-settur li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA.

98. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, b'kuntrast ma' dak li ġie indikat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 84 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kienet intitolata li taġixxi b'dan il-mod mhux wara t-23 ta' Lulju 2002, li hija d-data li fiha skada t-Trattat KEFA, iżda b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, li hija d-data li fiha daħal fis-seħħ ir-Regolament Nru 1/2003.

99. Madankollu, dan l-iżball ma jaffettwa bl-ebda mod il-konklużjoni ta' din il-kawża.

100. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-ewwel aggravju bħala infondat.

C — *Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' awtorità ta' res judicata f'dak li jikkonċerna l-imputabbiltà lil TKS tar-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen*

1. L-argumenti tal-partijiet

101. Fil-kuntest tat-tieni aggravju, TKS issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt meta ddeċidiet li l-kwistjoni dwar il-fatt li ġiet imputata lilha r-responsabbiltà għall-aġir imwettaq minn Thyssen kienet *res judicata*.

102. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet.

103. Fil-kuntest tal-ewwel parti, TKS issostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni żbaljata tal-punt 88 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Skont TKS, f'dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li hija ma kinitx materjalment responsabbli għall-aġir ta' Thyssen u dan il-punt, illum, huwa *res judicata*. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx validament timponilha multa minħabba l-aġir illegali ta' Thyssen.

104. Il-Kummissjoni ssostni li TKS qed tiżnatura s-sentenza appellata. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, il-Kummissjoni kellha dritt timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni ta' TKS hija kunfliġġenti mas-suġġett stess tal-appell inċidentali ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, l-istess appell inċidentali kien limitat għall-kwistjoni tar-rinunzja għad-dritt għas-smigħ. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx obbligata teżamina fid-dettall id-dikjarazzjoni dwar l-assunzjoni tar-responsabbiltà.

105. Fil-kuntest tat-tieni parti, TKS issostni, min-naħa waħda, li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* meta estendiet il-portata ta' dan il-prinċipju lil hinn mis-suġġett tal-kawża kkunsidrat fil-kawża preċedenti. Fil-fatt, is-suġġett ta' din il-proċedura kien limitat għall-ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' TKS fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni inizjali. Fil-fehma tagħha, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* ma jistax ikun ta' ostakolu għal rikors kontra deċiżjoni ġdida li fil-kuntest tagħha hija tista' tinvoka l-illegalità tad-Dikjarazzjoni

tat-23 ta' Lulju 1997. F'dan ir-rigward, TKS tfakkar li l-fatti li jirrigwardaw l-allegat trasferiment tar-responsabbiltà tal-aġir ta' Thyssen fuqha tbiddlu minħabba r-revoka tal-imsemmija dikjarazzjoni li seħħet bejn id-deċiżjoni inizjali u d-deċiżjoni kkontestata.

106. Min-naħa l-oħra, TKS issostni li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali tikser id-drittijiet tad-difiża tagħha peress li ċċaħħadha mill-possibbiltà li tinvoka motivi li hija kienet għadha ma invokatx.

107. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-argumenti ta' TKS jikkontradixxu dawk li ġew imressqa fl-ewwel istanza, fejn hija sostniet li l-qorti tal-Unjoni kienet diġà ddeċidiet b'mod definittiv il-kwistjoni dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà. Għaldaqstant, dan il-motiv huwa ġdid u allura inammissibbli fl-istadju tal-appell.

108. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* japplika għall-punti ta' fatt u ta' dritt li jkunu effettivament jew neċessarjament ġew deċiżi bis-sentenza inkwistjoni. Il-Kummissjoni tippreċiża li kemm il-proċedura kontenzjuża li saret kontra d-deċiżjoni inizjali kif ukoll dik li wasslet għas-sentenza appellata kienu jeħtieġu li ssir analiżi tal-kwistjoni dwar jekk hija setgħetx, abbażi tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn Thyssen.

109. Għaldaqstant, id-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 kienet is-suġġett tal-kwistjoni f'dawn il-proċeduri u, fil-punti 59 u 62 tas-sentenza Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali għamlet il-konstatazzjoni tagħha dwar l-imputabbiltà, liema konstatazzjoni ma ġietx ikkontestata fl-appell u, barra minn hekk, ġiet ikkonfermata fil-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja. Peress li skont l-Artikolu 233 KEE, il-Kummissjoni kienet obbligata li tieħu miżuri biex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija kienet obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni dawk il-konstatazzjonijiet. Iktar minn hekk, peress li l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata saret fl-istess proċedura amministrattiva tad-deċiżjoni inizjali, TKS ma setgħetx tippreżenta affermazzjonijiet differenti fuq l-istess fatti.

110. F'dak li jikkonċerna r-revoka tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, il-Kummissjoni ssostni li din ma kinitx għadha legalment possibbli peress li, fil-frattemp, kienet ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata.

111. Fir-rigward tat-tielet parti, TKS tinvoka l-illegalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà li għamlet il-Kummissjoni abbażi tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997. Fl-ewwel lok, hija kellha l-intenzjoni li tkun biss responsabbli għall-kawżi ċivili miftuħa kontra Thyssen. Fit-tieni lok, f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni, hija ma hijiex is-suċċessur legali ta' Thyssen, liema ħaġa, skont il-ġurisprudenza, ma tippermettix li tiġi ttrasferita r-responsabbiltà. Fit-tielet lok, dan it-trasferiment jikser il-prinċipju *jus publicum privatorum pactis mutari non potest*, li bih ftehim partikolari

jew privat ma jistax ibiddel il-konsegwenzi legali li joħorġu mid-dritt pubbliku.

112. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti. Fl-ewwel lok, hija tfakkar li TKS irrevokat id-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 quddiem il-Qorti Ġenerali biss, matul il-proċedura mibdija kontra d-deċiżjoni kkontestata. Din ir-revoka taffettwa b'tali mod li l-preskrizzjoni tagħlaq f'dak li jikkonċerna l-aġir imwettaq minn Thyssen.

113. Fit-tieni lok, il-partijiet kollha kkunsidraw li din ma kinitx delega taħt id-dritt ċivili, iżda assunzjoni ta' responsabbiltà għall-ksur minħabba l-multa. Dan jirriżulta mill-kliem użat minn TKS u mill-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-qorti tal-Unjoni fil-kuntest tal-proċedura mibdija kontra d-deċiżjoni inizjali.

114. Fit-tielet lok, l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 ma jipprekludix li impriża li tkun akkwistat parti minn attività f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni tingħata multa meta hija tkun iddikjarat b'mod ċar lill-Kummissjoni li hija xtaqet tassumi r-responsabbiltà għall-akkordju. Fil-fehma tal-Kummissjoni, din is-sitwazzjoni ma tistax titqabbel ma' dikjarazzjoni indirizzata lilha u li tinformaha bl-assunzjoni tar-responsabbiltà miftiehma b'mod bilaterali bejn żewġ impriżi. B'dan it-trasferiment ta' responsabbiltà, il-kompetenza ta' eżekuzzjoni li għandha l-Kummissjoni tkun tista' tiġi kkontestata minħabba, pereżempju, dħul iżgħar mill-bejgħ jew sitwazzjoni ta' problemi finanzjarji tal-kumpannija li tassumi r-responsabbiltà.

2. Evalwazzjoni

115. Qabel ma nanalizza t-tieni aggravju, jeħtieġ li jitfakkar ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata kif ukoll l-istadji proċedurali.

a) Is-sentenza appellata

116. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kwistjonijiet tal-validità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 u tal-legalità tal-imputabbiltà lil TKS tar-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen kienu ġew deċiżi b'mod definittiv mill-qorti tal-Unjoni u li dawn issa kienu, għaldaqstant, *res judicata*.

117. Għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali analizzat il-portata tas-sentenzi mogħtija fil-kuntest tal-proċedura mibdija kontra d-deċiżjoni inizjali.

118. Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, il-portata tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2001, Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Għaldaqstant, hija telqet mill-premessa li "d-diskussjoni u l-konklużjoni sussegwenti tal-Qorti Ġenerali ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' TKS *kellhom bħala rekwiżit neċessarju l-konstatazzjoni tal-validità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997*[46], li biha TKS kienet ikkonfermat li kienet qed tassumi r-responsabbiltà għall-atti mwettqa minn Thyssen".

119. Din il-"konstatazzjoni" tinsab fil-punt 62 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Dan jaqra kif ġej:

"*[...] ma huwiex ikkontestat li, fid-dawl tad-[Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997], il-Kummissjoni eċċezzjonalment kellha d-dritt timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir li jikkostitwixxi ksur li kienet akkużata bih Thyssen*[47] [...]. Fil-fatt, għandu jitqies li tali dikjarazzjoni, li tindirizza, b'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet ekonomiċi marbutin mal-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni bejn impriżi, timplika li l-persuna ġuridika li fuqha tpoġġiet ir-responsabbiltà għall-attivitajiet ta' persuna ġuridika oħra, wara d-data tal-ksur li jirriżulta mill-imsemmija attivitajiet, hija obbligata tirrispondi għal dan l-aġir, anki jekk, prinċipalment, hija l-persuna fiżika jew ġuridika li kienet tidderiġi lill-impriża kkonċernata fil-mument li fih twettaq il-ksur li għandha tkun responsabbli għalih."

120. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-punti 116 sa 138 tas-sentenza appellata, il-portata tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Lulju 2005, ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

121. F'dan ir-rigward, hija kkonċentrat fuq il-punt 88 tas-sentenza msemmija. Dan il-punt jindirizza l-aggravju mressaq mill-Kummissjoni fl-appell inċidentali tagħha. Il-Kummissjoni kkontestat il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali fejn ingħad li hija ma kinitx osservat id-drittijiet tad-difiża ta' TKS. B'mod partikolari, hija akkużat lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li jippermettu li tiġi imputata direttament lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen.

122. Il-punt 88 tas-sentenza ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jaqra kif ġej:

"Dwar l-allegati ċirkostanzi eċċezzjonali invokati mill-Kummissjoni [li jippermettulha timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir ta' Thyssen], hu biżżejjed li jitfakkar qabel kollox li TKS mhijiex is-suċċessura ekonomika ta' Thyssen, peress li din kompliet teżisti bħala persuna ġuridika distinta sad-data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni [inizjali].

46 — Enfasi tiegħi.

47 — Enfasi tiegħi.

It-tieni nett, l-unità ta' azzjoni li setgħet tikkaratterizza l-imġieba ta' Thyssen u ta' TKS wara l-1 ta' Jannar 1995 mhijiex biżżejjed sabiex tiġġustifika li l-imġieba ħażina ta' Thyssen li seħħet qabel dik id-data tiġi mputata lil TKS, minħabba il-prinċipju […] li persuna ġuridika tista' tiġi sanzjonata biss għal dawk il-fatti li huma speċifikament mputati lilha. F'dak li jirrigwarda, fl-aħħarnett, id-dikjarazzjonijiet li saru minn TKS dwar l-attivitajiet ta' Thyssen matul il-proċedura amministrattiva, diġà ġie indikat […] li dawn ma jippermettux li r-responsabbiltà għall-imġieba ta' Thyssen li seħħet qabel l-imsemmija data tiġi mputata lil TKS."

123. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-aggravju mressaq mill-Kummissjoni insostenn tal-appell inċidentali tagħha.

124. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dan il-punt kellu biss bħala għan li jirrispondi għall-argument tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali u ma kienx jippermetti li jiġi konkluż li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, TKS ma setgħetx tiġi ddikjarata responsabbli għall-aġir ta' Thyssen.

125. Konsegwentement, fil-punt 139 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li "l-qorti Komunitarja qieset li, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, il-Kummissjoni eċċezzjonalment setgħet timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir li kienet akkużata bih Thyssen" u fil-punt 144 ta' din is-sentenza, hija kkonkludiet li "l-punt ta' liġi […] dwar il-validità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 bħala bażi legali tal-attribuzzjoni tal-imġiba ta' Thyssen [lil TKS] u tas-sanzjoni sussegwenti imposta fuq din tal-aħħar, *diġà ġie eżaminat u deċiż definittivament mill-qorti Komunitarju u għalhekk huwa res judicata*" [48]. Fil-punt 145 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet għaldaqstant li "[d]in ir-*res judicata* timpedixxi li dan il-punt ta' liġi jerġa' jitressaq quddiem il-Qorti Ġenerali u eżaminat minnha" u ċaħdet, konsegwentement, il-motiv ibbażat fuq l-illegalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà bħala inammissibbli.

b) L-analiżi tiegħi

126. L-istess bħal TKS, jiena tal-fehma li l-analiżi tal-Qorti Ġenerali fuq din il-kwistjoni hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' dritt.

127. Fl-ewwel lok, jidhirli li l-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni żbaljata tal-punt 88 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

128. Fil-fatt, f'dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fehma tiegħi, ikkontestat b'mod ċar ħafna l-konklużjoni li waslet għaliha

48 — Enfasi tiegħi.

l-Qorti Ġenerali fil-punt 62 tas-sentenza Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fir-rigward tal-eżistenza tal-allegati ċirkustanzi eċċezzjonali. Is-sempliċi qari tal-punt 88 tas-sentenza ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, huwa biżżejjed biex wieħed jikkonvinċi ruħu minn dan. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx leġittimament tikkunsidra, fil-punt 139 tas-sentenza appellata, li l-"qorti Komunitarja" kienet ikkonfermat dik l-imputabbiltà. Fil-fehma tiegħi, dan jikkostitwixxi l-ewwel żball ta' dritt.

129. Fit-tieni lok, naħseb li l-Qorti Ġenerali ma applikatx b'mod korrett il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* inkwantu l-kwistjonijiet marbutin mal-validità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 u mal-legalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà ma kienu s-suġġett ta' ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet matul il-proċedura fl-ewwel istanza.

130. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-importanza fundamentali li għandu l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* kemm fis-sistema legali tal-Unjoni kif ukoll fis-sistemi legali nazzjonali [49]. Dan il-prinċipju huwa l-espressjoni tal-prinċipju taċ-ċertezza legali [50]. Huwa jiggarantixxi l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Fil-fatt, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji li ma jkunux għadhom jistgħu jiġu appellati jsiru inkontestabbli mil-lat tar-relazzjonijiet soċjali u jsiru fatti ġuridiċi. Dawn il-fatti jridu jiġu rrispettati.

131. Huwa ġeneralment aċċettat li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* japplika biss fir-rigward ta' dak li tkun ingħatat deċiżjoni dwaru. Jeħtieġ li l-ħaġa mitluba tkun l-istess, li l-kawża tkun ibbażata fuq l-istess kwistjoni u bejn l-istess partijiet. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jipprekludi lill-partijiet milli jiftħu kawża bi pretensjoni identika għal dik li l-ġustifikazzjoni jew in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni tagħha tkun diġà ġiet deċiża u jippermetti għaldaqstant li jiġi evitat li l-kwistjonijiet deċiżi diġà jerġgħu jinfetħu b'mod indefinittiv.

132. Il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* japplika mhux biss għad-dispożittiv tad-deċiżjoni ġudizzjarja, iżda wkoll għall-motivi li jkunu qed isostnuha u li minnha ma jistgħux jiġu sseparati. Hija tindika għaldaqstant li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-"*res judicata* tintrabat biss mal-punti fattwali u legali li ġew effettivament jew neċessarjament deċiżi mid-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni" [51]. Min-naħa l-oħra, jekk m'iniex sejjer żball, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq sa fejn jista' jestendi dan il-prinċipju meta l-garanziji

49 — Ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-526/08, Ġabra p. I-6151, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 — Sentenza tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, Ġabra p. I-3055, punt 46). Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Brumărescu vs Ir-Rumanija, tat-28 ta' Ottubru 1999, *Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 1999-VII,* li fiha l-qorti Ewropea msemmija tafferma mingħajr ambigwità li ċ-ċertezza legali titlob li "s-soluzzjoni mogħtija b'mod definittiv għal kull kawża mill-qrati ma tkunx tista' iktar tiġi kkontestata" (punt 61).

51 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, iċċitata iktar 'il fuq (punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

proċedurali tas-smigħ xieraq ma jkunux ġew osservati.

133. F'dan il-każ, dan huwa s-suġġett ta' din il-kawża. Fil-fatt, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali estendiet il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* għal motiv li ma kienx ġie diskuss f'xi kontestazzjoni quddiemha u li, barra minn hekk, ma wassal għal ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet. Jidhirli li tali interpretazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità' ta' *res judicata* tikkostitwixxi żball ta' dritt inkwantu tikser il-garanziji proċedurali essenzjali għall-iżvolġiment ta' smigħ xieraq u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' kontradittorju.

134. Fil-fatt, jista' raġonevolment jingħad li l-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jestendi għal motiv li jolqot il-mertu tad-drittijiet inkwistjoni anki jekk il-partijiet ma jkunux effettivament iddiskutewh?

135. Il-prinċipju ta' kontradittorju jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni [52] li jifforma parti mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smigħ xieraq iggarantit, min-naħa waħda, mill-Artikolu 47 tal-Karta u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 6 tal-KEDB.

136. Il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet ikkonfermat l-importanza u l-portata ta' dan il-prinċipju fis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* [53]. Il-prinċipju ta' kontradittorju japplika għal kull proċedura li tista' twassal għal deċiżjoni ta' istituzzjoni Komunitarja li taffettwa b'mod sensibbli l-interessi ta' persuna. Konsegwentement, dan japplika quddiem il-qrati tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa intiż li jibbenefikaw minnu kull parti fil-kawża, kemm l-individwi privati kif ukoll l-Istati Membri jew l-istituzzjonijiet.

137. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' kontradittorju jagħti, lil kull parti f'kawża, id-dritt li ssir taf bl-elementi li fuqhom il-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha, u li tkun tista' tiddiskutihom. Dan jippermetti li l-qorti tkun informata aħjar. Il-fatt li l-elementi kollha li jista' jkollhom effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża jiġu suġġetti għad-diskussjoni tal-partijiet, jippermetti għaldaqstant lill-qorti li tiddeċiedi b'imparzjalità sħiħa u b'konoxxenza sħiħa tal-kawża, kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq id-dritt. Dan jippermetti wkoll li tissaħħaħ il-fiduċja li l-individwi għandu jista' jkollhom fil-funzjonament tal-ġustizzja. Din il-fiduċja timplika li l-partijiet ikollhom is-serħan tal-moħħ li huma jkunu jistgħu jesprimu ruħhom fuq l-elementi kollha li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha.

52 — Sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 61).

53 — C-89/08 P, Ġabra p. I-11245, punti 50 sa 59. Għal espożizzjoni fuq il-kontenut ta' dan il-prinċipju, ara l-punti 87 sa 107 tal-konklużjonijiet tiegħi f'dik il-kawża.

138. Din il-ġurisprudenza hija konformi mal-interpretazzjoni li adottat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq id-dritt għal proċess kontradittorju. Dan jipparteċipa fid-dritt għal smigħ xieraq stabbilit fl-Artikolu 6 tal-KEDB u inkwantu din il-konvenzjoni hija intiża li tiżgura drittijiet konkreti u effettivi, hija timponi, b'mod partikolari, fuq kull qorti, l-obbligu li tagħmel eżami effettiv tal-motivi, argumenti u provi tal-partijiet.

139. Il-prinċipju ta' kontradittorju ma jagħtix biss lil kull parti d-dritt li ssir taf bil-provi u bl-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-qorti u li tiddiskutihom. Dan jimplika wkoll, kif irrikonoxxiet espressament il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, iċċitata iktar 'il fuq, "id-dritt tal-partijiet li jsiru jafu bil-motivi ta' liġi mqajma *ex officio* mill-qorti, li fuqhom din il-qorti jkollha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha, u li jiddiskutuhom". Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti relatati mad-dritt għal smigħ xieraq, il-partijiet għandu jkollhom għarfien u għandhom ikunu jistgħu jiddiskutu b'mod kontradittorju kemm il-punti ta' fatt kif ukoll il-punti ta' liġi li jkunu deċiżivi għall-eżitu tal-proċeduri. Għaldaqstant, ħlief għal każijiet partikolari bħal, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fir-Regoli tal-Proċedura tal-qrati tal-Unjoni, il-qorti Komunitarja ma tistax tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq motiv ta' liġi mqajjem *ex officio*, anki ta' ordni pubbliku, mingħajr ma qabel tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-imsemmi motiv.

140. Il-Qorti tal-Ġustizzja siltet dan l-obbligu mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li bih il-qorti stess għandha tosserva l-prinċipju ta' kontradittorju, b'mod partikolari meta tiddeċiedi kawża abbażi ta' motiv imqajjem *ex officio* [54].

141. F'din il-kawża, jirriżulta b'mod ċar mill-kliem tal-punt 62 tas-sentenza Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li l-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* l-kwistjoni tal-legalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà li għamlet il-Kummissjoni [55]. Fil-fatt, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fl-aħħar paragrafu tal-punt 114 tas-sentenza appellata, il-konstatazzjoni dwar il-validità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 kienet tikkostitwixxi rekwiżit neċessarju għall-konklużjoni sussegwenti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża.

142. Madankollu, dan il-punt ta' dritt ma kien is-suġġett ta' ebda diskussjoni effettiva bejn il-partijiet. Min-naħa waħda, dan ma kienx kwistjoni li l-partijiet ikkontestaw quddiem il-qorti. Għaldaqstant il-partijiet ma ddiskutewhx. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma stednitx lill-partijiet jagħmlu

54 — Sentenza Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 54).

55 — Fil-punt imsemmi, il-Qorti Ġenerali indikat li "mhuwiex ikkontestat li, fid-dawl tad-dikjarazzjoni [...] tat-23 ta' Lulju 1997, il-Kummissjoni eċċezzjonalment kellha d-dritt timputa lil [TKS] ir-responsabbiltà għall-aġir li jikkostitwixxi ksur li kienet akkużata bih Thyssen [u li], [f]il-fatt, għandu jingħad li tali dikjarazzjoni, li tindirizza, b'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet ekonomiċi marbutin mal-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni bejn impriżi, timplika [tali trasferiment]".

l-osservazzjonijiet tagħhom meta hija qajmet *ex officio* dan il-punt ta' dritt.

143. Il-legalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà kienet madankollu kwistjoni deċiżiva għall-eżitu tal-proċedura. Barra minn hekk, ma kienx ċar jekk kienx hemm bżonn li tingħata deċiżjoni fuqha. Il-kliem użat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u l-kunsiderazzjonijiet adottati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell juru li l-legalità ta' dan it-trasferiment ta' responsabbiltà kienu u għadhom serjament indiskussjoni.

144. Qabel kollox, fil-punt 62 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma pprovdietx spjegazzjonijiet konvinċenti fuq ir-raġunijiet li għalihom, f'din il-kawża, kellha ssir deroga mill-prinċipju fundamentali tal-personalizzazzjoni tal-pieni. Għalkemm hija tagħmel riferiment għall-eżistenza tal-allegati "kunsiderazzjonijiet ekonomiċi marbutin mal-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni bejn l-impriżi" biex tiġġustifika, b'mod eċċezzjonali, tali trasferiment ta' responsabbiltà, din il-ġustifikazzjoni jidhirli li hija vaga wisq biex tiġi injorata l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jikkonċerna l-imputabbiltà tal-prattiċi.

145. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod ċar ħafna, ċaħdet il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fl-istess punt 62 fir-rigward tal-eżistenza tal-allegati ċirkustanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, inkwantu jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt, sors ta' ċertezza u ta' stabbiltà, ma jeżiġix li huwa jkun jista' jiġi identifikat mill-ewwel b'ċertezza? Fir-realtà, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kellha tanalizza l-legalità ta' din id-dikjarazzjoni.

146. Konsegwentement, fin-nuqqas ta' diskussjoni kontradittorja kif ukoll ta' spjegazzjonijiet konvinċenti min-naħa tal-Qorti Ġenerali, u fid-dawl ukoll taċ-ċaħda min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, jidhirli li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx leġittimament tikkunsidra li l-qorti tal-Unjoni kienet iddeċidiet, b'mod definittiv, il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-legalità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 u t-trasferiment tar-responsabbiltà relattiva.

147. Fit-tielet lok, jidhirli li, biċ-ċaħda tal-argumenti ta' TKS, il-Qorti Ġenerali kisret il-bilanċ bejn il-partijiet, u poġġiet lir-rikorrenti f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ċar meta mqabbla mal-Kummissjoni.

148. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kull parti għandha d-dritt li ssostni l-pożizzjoni tagħha b'mod ibbilanċjat mingħajr ma l-proċedura tpoġġi f'vantaġġ partikolari lil xi wieħed minnhom [56]. Dan jifforma parti mid-dritt għal smigħ xieraq.

56 — Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Ernst *et* vs Il-Belġju, tal-15 ta' Lulju 2003, § 60.

149. F'dan il-każ, is-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata twassal biex TKS ma tkunx tista' iżjed tikkontesta l-legalità tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 u tat-trasferiment tar-responsabbiltà relattiva, minkejja li hija qatt ma ġiet mismugħa tagħti l-pożizzjoni tagħha fuq dan il-punt. Għalkemm fil-kuntest tal-proċedura mibdija kontra d-deċiżjoni inizjali, TKS ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha, hija issa ġiet ikkonfrontata b'din iċ-ċaħda marbuta mal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. Min-naħa l-oħra, f'dak li jikkonċerna lill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet mingħajr ebda diskussjoni kontradittorja li din kellha dritt, b'mod eċċezzjonali, li tistrieħ fuq dik id-dikjarazzjoni u mbagħad semmiet il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* biex tilqa' kontra l-kontestazzjoni ta' TKS. Fil-fehma tiegħi, din l-evalwazzjoni tista' tagħti l-impressjoni li hemm żbilanċ favur il-Kummissjoni.

150. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali, meta kkunsidrat li l-Qorti tal-Unjoni kienet iddeċidiet, b'mod definittiv, il-kwistjoni tal-legalità tat-trasferiment tar-responsabbiltà, adottat interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u, barra minn hekk, kisret il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ċaħħdet ukoll lil TKS mid-dritt li tibbenefika minn smigħ xieraq.

151. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li t-tieni aggravju invokat minn TKS huwa fondat u sabiex tannulla s-sentenza appellata.

D — *Fuq l-effetti tal-annullament tas-sentenza appellata*

152. F'każ li s-sentenza appellata tiġi annullata, l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li din l-istess Qorti tista' jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha, jew tiddeċidiha hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

153. Il-kwistjoni f'din il-kawża tikkonċerna l-proċeduri mibdija mill-Kummissjoni minħabba l-ksur imwettaq minn Thyssen bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994. Id-deċiżjoni kkontestata hija intiża biss li timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv imwettaq minn Thyssen, u dan abbażi tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997, u konsegwentement, li timponilha multa.

154. Qabel kollox, għandu jiġi stabbilit jekk il-Kummissjoni setgħetx leġittimament timputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn Thyssen abbażi tad-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997.

155. Jekk, kif jidhirli jien, il-Kummissjoni ma setgħetx taġixxi b'dan il-mod, il-kwistjoni tkun jekk hija setgħetx leġittimament tipproċedi kontra Thyssen għall-aġir li din wettqet bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994 fid-dawl tar-regoli tal-preskrizzjoni.

156. Dawn iż-żewġ mistoqsijiet kienu s-suġġettta' proċedura kontradittorja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, jiena tal-fehma li l-kwistjoni, fuq dawn iż-żewġ punti, hija fi stat li tiġi deċiża.

157. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina r-raba' u s-seba' motiv ta' annullament imressqa minn TKS quddiem il-Qorti Ġenerali.

1. Fuq l-imputabbiltà lil TKS tar-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn Thyssen

a) L-argumenti tal-partijiet [57]

158. Fil-kuntest tar-raba' motiv ta' annullament, TKS tikkontesta l-legalità tal-imputabbiltà tar-responsabbiltà tal-ksur imwettaq minn Thyssen. Hija ssostni li d-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 ma kinitx tippermetti li l-Kummissjoni tasal għal din l-imputabbiltà. TKS tinvoka, minnaħa waħda, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn jingħad li, f'każ ta' suċċessjoni legali, is-suċċessur ma jistax jinżamm responsabbli għall-aġir imwettaq mill-predeċessur tiegħu meta l-istess predeċessur ikun għadu jeżisti. Min-naħa l-oħra, TKS tfakkar il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet fil-punt 88 tas-sentenza ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fejn ingħad li ma kien hemm ebda suċċessjoni ekonomika bejn iż-żewġ impriżi u li la l-unità ta' azzjoni eżistenti bejn l-impriżi msemmija u lanqas id-dikjarazzjonijiet magħmula minn TKS matul il-proċedura amministrattiva ma kienu jippermettu li tiġi ġġustifikata din l-imputabbiltà. Fl-aħħar nett, TKS invokat il-prinċipju *jus publicum privatorum pactis mutari non potest* biex issostni li ftehim partikolari bħalma hija d-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 ma jistax jibdel il-konsegwenzi ġuridiċi marbutin mal-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt pubbliku, *a fortiori*, tad-dritt kriminali.

159. Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument. Fuq l-istess linja bħalma għamlet fl-osservazzjonijiet ippreżentati matul il-proċedura mibdija kontra d-deċiżjoni inizjali, il-Kummissjoni reġgħet indikat, waqt is-seduta, li s-sitwazzjoni inkwistjoni kienet taqa' bħala każ ta' suċċessjoni ekonomika. Barra minn hekk, hija sostniet li ma kien jeżisti ebda ostakolu ġuridiku biex hija tieħu inkunsiderazzjoni tali dikjarazzjoni, li ġiet espressa b'mod liberu u volontarju minn TKS, biex timputa lil din ir-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv ta' Thyssen.

b) Evalwazzjoni

160. Ma nistax naqbel mal-argumenti tal-Kummissjoni.

57 — Għal espożizzjoni iktar eżawrjenti tal-argumenti tal-partijiet, ara l-punti 105 sa 109 tas-sentenza appellata.

161. Effettivament, bil-fatt li rrendiet lil TKS responsabbli għall-ksur imwettaq minn Thyssen, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju tar-responsabbiltà personali u l-korollarju ta' dan, jiġifieri, il-prinċipju tal-personalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet, li fuqu hija bbażata l-imputabbiltà tal-akkordji illegali [58].

162. Dawn il-prinċipji jikkostitwixxu garanziji fundamentali li joħorġu mid-dritt kriminali. Skont il-prinċipju tar-responsabbiltà personali, ħadd ma jkun responsabbli ħlief għall-aġir tiegħu stess. Skont il-prinċipju tal-personalizzazzjoni tal-pieni, piena ma tistax tingħata lil persuna oħra li ma hijiex ħatja. Dawn il-prinċipji jipprekludu għaldaqstant li tinżamm responsabbli persuna fiżika jew ġuridika li la kienet l-awtriċi u lanqas il-kompliċi fi ksur, u jikkostitwixxu għalhekk limiti fuq l-eżerċizzju tal-*jus puniendi* tal-awtoritajiet pubbliċi. Huma jistabbilixxu wkoll limiti għall-użu mill-persuni privati li ma jistgħux jinżammu responsabbli b'mod żbaljat għall-ksur li huma ma jkunux wettqu.

163. Kif indikajt iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-prinċipju ta' responsabbiltà personali japplika għar-regoli tal-kompetizzjoni fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, iċċitata iktar 'il fuq. F'din il-kawża, il-qorti kkunsidrat li fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-grad ta' severità tas-sanzjonijiet relattivi, ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni għandha natura personali [59]. Fis-sentenza Hüls vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet applikat il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza [60]. F'dan il-każ, ma narax kif l-osservanza ta' dan il-prinċipju tista' takkomoda l-kundanna ta' persuna li nżammet responsabbli b'mod żbaljat.

164. Għaldaqstant, meta entità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija l-persuna fiżika jew dik ġuridika li topera dik l-entità li għandha twieġeb għall-konsegwenzi tal-atti tagħha stess, anki jekk, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur, il-ġestjoni tal-impriżi tkun tpoġġiet taħt ir-responsabbiltà ta' persuna oħra [61]. Sakemm il-persuna ġuridika li kienet tidderiġi l-impriża fil-mument tal-ksur tkun għadha teżisti, ir-responsabbiltà għall-aġir illegali tal-impriża taqa' fuq dik il-persuna ġuridika, anki jekk l-elementi materjali u umani li jkunu kkontribwixxew għat-twettiq tal-ksur ikunu ttieħdu minn terz wara l-perijodu tal-ksur [62].

58 — Sentenza Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 — Punt 78.

60 — Punt 150.

61 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, KNP BT vs Il-Kummissjoni (C-248/98 P, Ġabra p. I-9641, punt 71); Cascades vs Il-Kummissjoni (C-279/98 P, Ġabra p. I-9693, punt 78); Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni (C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punt 37); SCA Holding vs Il-Kummissjoni (C-297/98 P, Ġabra p. I-10101, punt 25), kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et* (C-280/06, Ġabra p. I-10893, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza SCA Holding vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 25).

165. Madankollu, f'qasam bħal dak tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet responsabbli huma kkonfrontati minn imġieba kumplessa, li timmanifesta ruħha b'aġir minn taħt li jista' jaħbi jew ibiddel l-identità tal-awtur tal-fatti (wara, pereżempju, ristrutturar, trasferimenti jew tibdil legali jew organizzattiv ieħor [63]). Sabiex jiġi evitat li xi impriżi jevitaw is-sanzjonijiet imposti mill-Kummissjoni u sabiex tiġi żgurata implementazzjoni effettiva tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti, b'mod strett, li aġir antikompetittiv imwettaq minn kumpannija jkun attribwit lil kumpannija oħra f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet, jiġifieri, fl-ewwel lok, meta l-impriżi inkwistjoni jappartjenu lil grupp ta' kumpanniji (li ma huwiex il-każ hawnhekk) u, fit-tieni lok, meta l-impriża l-ġdida teżerċita l-attività tal-awtur tal-fatti b'mod li tkun teżisti "kontinwità ekonomika" bejn l-ewwel u t-tieni kumpannija [64].

166. Madankollu, il-kriterju bbażat fuq il-"kontinwità ekonomika" ma jistax japplika ħlief fil-każ fejn il-persuna ġuridika responsabbli mill-ġestjoni tal-impriża tkun waqfet milli teżisti ġuridikament jew ekonomikament wara t-twettiq tal-ksur [65]. Issa, huwa hawnhekk li tqum il-problema.

167. Fil-fatt, għalkemm l-attivitajiet li bihom Thyssen setgħet tikkontribwixxi għall-ksur ġew ittrasferiti lil TKS b'effett mill-1 ta' Jannar 1995, madankollu, Thyssen ma tilfitx l-eżistenza legali tagħha u kompliet teżerċita attivitajiet ekonomiċi f'setturi oħra, lil hinn minn kull rabta strutturali ma' TKS. Kif irrilevat il-Kummissjoni fil-punt 10 tal-motivi tad-deċiżjoni inkwistjoni, Thyssen kienet għadha teżisti fil-ġurnata meta dik id-deċiżjoni ġiet adottata, fl-20 ta' Diċembru 2006. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 88 tas-sentenza ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, hawnhekk ma teżistix sitwazzjoni ta' suċċessjoni ekomonika bejn żewġ impriżi. Konsegwentement, Thyssen kellha titqies bħala li hija responsabbli għall-aġir kollu li pparteċipat fih qabel it-trasferiment ta' parti mill-attività tagħha lil TKS fl-1 ta' Jannar 1995. F'dan ir-rigward, din kienet l-intenzjoni prinċipali tal-Kummissjoni peress li, fl-24 ta' April 1997, din bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet separata lil TKS u lil Thyssen. Kull waħda minn dawn l-impriżi, imbagħad, wieġbu għaliha b'mod separat.

63 — Fil-fatt, f'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li l-għan li jiġu soppressi l-komportamenti kuntrarji għar-regoli tal-kompetizzjoni u li jiġi evitat li dawn jerġgħu jseħħu permezz ta' sanzjonijiet deterrenti jkun kompromess (ara s-sentenza ETI *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 — Ara s-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punt 84); tat-28 ta' Marzu 1984, Compagnie royale asturienne des mines u Rheinzink vs Il-Kummissjoni (29/83 u 30/83, Ġabra p. 1679, punt 9), u Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 145).

65 — Ara s-sentenza ETI *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 40). Ara wkoll is-sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, iċċitata iktar 'il fuq, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument li kienet ressqet kumpannija akkużata b'aġir punibbli bil-għan li teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, jiġifieri li hija kienet ittrasferixxiet lil kumpannija oħra l-attività li fil-kuntest tagħha hija kienet saret ħatja ta' ksur li kienet ġiet akkużata bih (punt 145). Dik il-kawża kienet tikkonċerna l-każ ta' żewġ impriżi eżistenti u attivi fejn waħda minnhom kienet ittrasferiet sempliċement parti mill-attivitajiet tagħha lill-oħra, u li ma kellha ebda rabta strutturali magħha.

168. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni, fl-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kkontestata, ma setgħetx tidderoga mill-prinċipju tar-responsabbiltà personali billi żżomm lil TKS responsabbli għall-aġir illegali li Thyssen adottat bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994.

169. Id-deċiżjoni kkontestata kisret għalhekk il-prinċipju tar-responsabbiltà personali u injorat il-fatt deċiżiv, li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar in-nuqqas ta' kontinwità ekonomika bejn TKS u Thyssen.

170. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx leġittimament tibbaża ruħha fuq id-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 biex tidderoga mill-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni.

171. Meta aġixxiet b'dan il-mod, il-Kummissjoni żnaturat lil dawn ir-regoli u injorat ir-rwol tagħha taħthom. Dawn ir-regoli huma ta' ordni pubbliku. Min-naħa waħda, huma jippermettu li jiġi żgurat l-istabbiliment ta' kompetizzjoni effettiva u effikaċi fis-suq komuni billi jipprojbixxu l-akkordji antikompetittivi u jipparteċipaw, konsegwentement, għat-twettiq tal-missjonijiet fdati lill-Unjoni. Min-naħa l-oħra, huma jippermettu li jiġi mħares il-benesseri tal-konsumatur billi dawn ikunu protetti minn ċerti prattiċi tal-impriżi. Taħt dan l-aspett, huma regoli ta' dritt imperattivi li japplikaw għal kulħadd u li l-partijiet ma jistgħux għalhekk jevitaw permezz ta' ftehim partikolari.

172. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha, fl-ewwel lok, tissorvelja l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 81 KE [66]. Għaldaqstant, hija ma tistax taċċetta dikjarazzjoni unilaterali bħalma hija d-Dikjarazzjoni tat-23 ta' Lulju 1997 li twassal biex issir deroga mir-regoli u mill-prinċipji li jirrigwardaw l-imputabbiltà tal-prattiċi antikompetittivi. Bl-istess mod, hija ma tistax tittollera dikjarazzjoni li biha impriża tinżamm responsabbli b'mod żbaljat ta' ksur li hija ma wettqitx.

173. Konsegwentement, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena tal-fehma li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà personali f'dak li jikkonċerna l-imputabbiltà tal-ksur imwettaq minn Thyssen bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994.

174. Għaldaqstant, jidhirli li l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi annullat inkwantu jimputa lil TKS ir-responsabbiltà għall-ksur imsemmi.

175. Il-ksur li bih ġiet akkużata Thyssen jirriżulta u din ressqet l-osservazzjonijiet

66 — Ara l-Artikolu 105(1) TFUE.

tagħha peress li l-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet separata lil Thyssen fl-24 ta' April 1997, li għaliha Thyssen wieġbet b'mod separat. Kif jirriżulta mill-punt 13 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, Thyssen wieġbet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet f'isimha stess.

176. F'dan l-istadju, il-kwistjoni hija dwar jekk il-Kummissjoni għadhiex tista' tikkundanna lil Thyssen biex tħallas multa minħabba l-aġir antikompetittiv li hija wettqet bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994, kif stabbilit fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata.

2. Fuq il-preskrizzjoni tas-setgħa tal-Kummissjoni biex tissanzjona l-ksur imwettaq minn Thyssen

177. Fil-kuntest tas-seba' motiv ta' annullament tagħha, TKS issostni li l-ksur imwettaq minn Thyssen huwa preskritt b'effett mill-1999 jew, l-iktar tard, b'effett mill-2003. Hija ssostni, b'mod partikolari, li ma kien hemm ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni u lanqas sospensjoni tal-istess preskrizzjoni, u dan peress li Thyssen ma kinitx parti fil-proċeduri mibdija kontra d-deċiżjoni inizjali. Barra minn hekk, hija ssostni li, minħabba li l-ksur li hija ġiet akkużata bih huwa ksur li twettaq minn Thyssen, is-sanzjoni li ġiet imposta lilha ma tistax ħlief tkun dik li setgħet tiġi imposta lil dik li fid-dritt hija l-predeċessur tagħha, jiġifieri Thyssen.

178. Il-Kummissjoni talbet li dan il-motiv jiġi miċħud [67].

179. Fid-dawl tal-fatti ta' dan il-każ, l-eżami ta' dan il-motiv jiddependi fuq l-interpretazzjoni tar-regoli li jirrigwardaw il-preskrizzjoni u, b'mod partikolari, dawk li jikkonċernaw is-sospensjoni tal-preskrizzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni Nru 715/78 u fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003. Għal raġunijiet ta' kjarezza u fid-dawl tal-fatt li t-termini użati fid-dispożizzjonijiet imsemmija huma essenzjalment identiċi, jien ser inħares biss lejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2003.

180. Hemm żewġ kwistjonijiet.

181. L-ewwel waħda tikkonċerna l-portata tas-sospensjoni. Il-kwistjoni hija dwar jekk meta rikors jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tal-Unjoni, is-sospensjoni tal-preskrizzjoni għandhiex effett relattiv, jiġifieri li tapplika biss fil-konfront tal-impriża rikorrenti, jew *erga omnes*, f'liema każ is-sospensjoni tal-preskrizzjoni matul il-proċedura tapplika fil-konfront tal-impriżi kollha li jkunu pparteċipaw fil-ksur, indipendentement

67 — Għal espożizzjoni iktar eżawrjenti tal-argumenti tal-partijiet, ara l-punti 193 sa 198 tas-sentenza appellata.

minn jekk ikunux ippreżentaw rikors jew le. B'kuntrast ma' dak li ġie espressament previst għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, l-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003 ma jgħid xejn fuq dan il-punt.

182. Din il-kwistjoni hija identika għal dik li qamet fil-kuntest tal-appell ippreżentat kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-kawża ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003 tapplika biss fil-konfront tal-impriża rikorrenti [68]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, għall-ewwel darba, tiddeċiedi fuq dan il-punt.

183. It-tieni kwistjoni tikkonċerna l-effetti ta' sentenza ta' annullament. Il-kwistjoni hija dwar jekk l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni wara proċedura ġudizzjarja jwassalx biex is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-istess bħad-deċiżjoni nnifisha, ma tkunx tapplika b'mod retroattiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fin-negattiv fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni [69].

184. Għar-raġunijiet li ser nesponi iktar 'il quddiem, jiena ma naqbilx la mal-pożizzjoni li l-Qorti Ġenerali adottat fis-sentenza ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, u lanqas ma' dik adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tar-regoli tal-preskrizzjoni, magħduda mal-effetti tad-diversi atti li jinterrompu l-preskrizzjoni u mad-dewmien tal-proċeduri, ixejnu l-iskop tal-prinċipju tal-preskrizzjoni stess.

185. Din il-kawża hija eżempju perfett ta' dan peress li, ħmistax-il sena wara li ntemm il-ksur, Thyssen għadha ma tafx x'ser jiġri minnha. Dan jirriżulta minħabba l-multiplikazzjoni tal-atti li jinterrompu l-preskrizzjoni (li jammontaw għal sitta), l-annullament tad-deċiżjoni inizjali f'dak li jikkonċerna lil TKS, u s-sospensjoni tal-preskrizzjoni għal

68 — Punti 151 sa 158. Biex timmotiva r-raġunament tagħha, il-Qorti Ġenerali ressqet ir-raġunijiet segwenti. Peress li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, dan il-kunċett irid jiġi interpretat b'mod restrittiv. Peress li mid-definizzjoni tagħha, is-sospensjoni tikkonċerna l-każ fejn il-Kummissjoni tkun diġà adottat deċiżjoni, ma jibqax meħtieġ li dik is-sospensjoni tingħata effett *erga omnes*. Fl-aħħar nett, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs AssiDomän Kraft Products *et* (C-310/97 P, Ġabra p. I-5363), l-effett relattiv tal-proċeduri ġudizzjarji u l-konsegwenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lil dak l-effett jipprekludu, fil-prinċipju, li r-rikors ippreżentat minn impriża destinatarja tad-deċiżjoni inkwistjoni jaffettwa s-sitwazzjoni tad-destinatarji l-oħra ta' dik id-deċiżjoni.

69 — C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punti 142 sa 157. F'dak li jikkonċerna lill-Qorti Ġenerali, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2005, Sumitomo Chemical u Sumika Fine Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-22/02 u T-23/02, Ġabra p. II-4065, punti 80 sa 102), u ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punti 151 sa 158), li għandu jiġi mfakkar li fil-preżent hija s-suġġett ta' appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (C-201/09 P u C-216/09 P).

ħdax-il sena [70]. Għalkemm dan jista' jidher bħala sorprendenti, il-preskrizzjoni ta' għaxar snin stabbilita fl-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003 għadha ma għalqitx. Fil-fatt, din tagħlaq fix-xahar ta' April 2016, jiġifieri 21 sena wara li ntemm il-ksur.

a) Il-kunsiderazzjonijiet preliminari

186. Qabel ma nibda neżamina dawn il-kwistjonijiet, għandha tiġi mfakkra n-natura u l-portata tar-regoli ta' preskrizzjoni fil-kuntest tal-kawżi fuq il-kompetizzjoni.

187. Il-preskrizzjoni tal-proċeduri tikkostitwixxi prinċipju universali u fundamentali tad-dritt tagħna. Hija tista' tiġi ddefinita bħala li twassal għall-estinzjoni tal-kawża pubblika minħabba d-dekors tal-perijodu ta' żmien minn meta jkun twettaq il-ksur. Hija tapplika, fil-prinċipju, għal kull ksur, anki l-iktar gravi, ħlief għal reati kontra l-umanità ddikjarati impreskrivibbli skont l-eżiġenzi internazzjonali. Mal-iskadenza tal-perijodu tal-preskrizzjoni, il-kawża pubblika tispiċċa u ma jkunx iktar possibbli li jsiru proċeduri kontra dawk li pparteċipaw fil-ksur.

188. Il-preskrizzjoni ttendi li tistabbilixxi l-paċi soċjali u twieġeb għax-xewqa komuni taċ-ċertezza legali. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni [71], il-Qorti tal-Ġustizzja affermat, fir-rigward tal-preskrizzjoni, li l-"eżiġenza fundamentali taċ-ċertezza legali tipprekludi lill-Kummissjoni milli din tkun tista' ttawwal indefinittivament l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha" u li, biex twettaq il-funzjoni tagħha, għandu jiġi stabbilit bil-quddiem terminu ta' preskrizzjoni [72]. Normalment jingħataw diversi ġustifikazzjonijiet għall-preskrizzjoni. Qabel kollox, biż-żmien, ir-repressjoni titlef ir-*raison d'être* tagħha minħabba li, bil-mod, jibda jisparixxi l-ħażen li l-ksur ikun ikkaġuna fuq l-ordni pubbliku. Imbagħad, b'għan marbut iktar mal-protezzjoni tal-interessi tal-persuni u tal-impriżi inkwistjoni, il-provi tal-ksur ikunu iktar diffiċli li jiġu ppreservati jew stabbiliti wara ċertu żmien. Fl-aħħar nett u fuq kollox, il-preskrizzjoni tippermetti li tiġi

70 — Thyssen temmet il-ksur fl-1 ta' Jannar 1995. Il-perijodu ta' preskrizzjoni ġie interrott fir-rigward tagħha, l-istess bħalma ġara fir-rigward tal-impriżi kollha kontraenti fl-akkordju, fl-24 ta' April 1997, wara li ntbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u sussegwentement, fil-21 ta' Jannar 1998, id-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni inizjali. Il-preskrizzjoni ddekorriet sal-11 ta' Marzu 1998, jiġifieri għal madwar xahar u nofs, data li fiha TKS ippreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-preskrizzjoni ġiet sospiża sat-13 ta' Diċembru 2001, id-data li fiha l-Qorti Ġenerali tat is-sentenza Krupp Thyssen Stainless u Acciai speciali Terni vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jiġifieri għal seba' snin u xahrejn. Il-perijodu tal-preskrizzjoni ġie interrott mill-ġdid fil-5 ta' April 2006 meta ntbagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet il-ġdida u sussegwentement fl-20 ta' Diċembru 2006 permezz tan-notifika tad-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, il-perijodu ta' preskrizzjoni ddekorra bejn l-20 ta' Diċembru 2006 u s-6 ta' Frar 2007, data li fiha TKS ippreżentat ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri madwar xahar u nofs. Il-perijodu msemmi ġie sospiż mill-ġdid bejn il-preżentata ta' dak ir-rikors u l-1 ta' Lulju 2009, data li fiha l-Qorti Ġenerali tat is-sentenza appellata, jiġifieri għal sentejn u ħames xhur. Il-perijodu ta' preskrizzjoni reġa' beda jiddekorri bejn din l-aħħar data u l-preżentata ta' dan l-appell fit-2 ta' Settembru 2009, jiġifieri għal xahrejn. Wara din l-aħħar data sa llum, il-preskrizzjoni ġiet sospiża għal madwar sena.

71 — C-74/00 P u C-75/00 P, Ġabra p. I-7869.

72 — Punti 139 u 140. Ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, International Power *et* vs NALOO (C-172/01 P, C-175/01 P, C-176/01 P u C-180/01 P, Ġabra p. I-11421, punti 106 u 107).

ssanzjonata l-inerzja, l-ommissjoni jew ukoll in-negliġenza tal-awtoritajiet responsabbli mill-proċeduri u tiffavorixxi l-prosekuzzjoni tal-awturi tal-ksur fi żmien raġonevoli.

189. Għal dak li jikkonċerna l-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-preskrizzjoni tagħlaq f'perijodu ta' ħames snin b'effett mill-ġurnata li fiha jintemm il-ksur, u dan skont l-Artikolu 25(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003. Madankollu, skont l-Artikolu 25(3) ta' dan ir-regolament, din il-preskrizzjoni tista' tiġi interrotta bi kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni intiża għall-investigazzjoni jew għall-proċeduri fir-rigward tal-ksur. Din l-interruzzjoni xxejjen b'mod retroattiv il-perijodu li jkun għadda diġà u tindika l-punt li minnu jibda jiddekorri l-perijodu l-ġdid. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25(6) tar-regolament imsemmi, il-preskrizzjoni tista' tiġi sospiża meta jkun hemm proċedura ġudizzjarja pendenti. F'dak il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jieqaf milli jiddekorri.

190. Fl-aħħar nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda fl-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, li l-preskrizzjoni tagħlaq f'terminu massimu ta' għaxar snin mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet xi multa. Huwa jżid jgħid, madankollu, li dak it-terminu għandu jiġi mtawwal bil-perijodu li fih il-preskrizzjoni tkun sospiża.

b) Fuq l-ewwel kwistjoni li tirrigwarda l-effett relattiv jew assolut tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni

191. Jidhirli li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni matul il-proċedura ġudizzjarja għandha tapplika fir-rigward tal-impriżi kollha li jkunu pparteċipaw fil-ksur, kemm jekk ikunu ppreżentaw rikors kif ukoll jekk le.

192. Għaldaqstant, ma naqbilx mal-pożizzjoni li l-Qorti Ġenerali adottat fis-sentenza ArcelorMittal Luxembourg *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, fejn qalet li s-sospensjoni tapplika biss fil-konfront tal-impriża rikorrenti, u dan għal żewġ raġunijiet.

193. Fl-ewwel lok, din il-pożizzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni n-natura oġġettiva tal-preskrizzjoni. Fil-fatt, il-preskrizzjoni hija marbuta biss mal-fatti. Hija għandha natura reali li hija indipendenti mill-persuni inkwistjoni. Għaldaqstant, meta l-azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu tintilef minħabba l-preskrizzjoni, dik l-estinzjoni tkun tikkonċerna l-fatti inkwistjoni kollha u tibbenefika lill-parteċipanti kollha.

194. Għal dak li jikkonċerna l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, din toħroġ ċara ħafna mill-Artikolu 25(4) tar-Regolament Nru 1/2003 peress li jingħad li l-"inter[r]uzzjoni tal-preskrizzjoni ser tapplika għall-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur". It-test tal-Artikolu 25(6) ta' dan ir-regolament li jirrigwarda s-sospensjoni tal-preskrizzjoni

huwa iktar ġenerali u ma jippreċiżax dan il-punt. Madankollu, minħabba li t-testi ma jgħidu xejn fuq dan, l-effetti li jġibu magħhom l-interruzzjoni u s-sospensjoni tal-preskrizzjoni għandhom ikunu identiċi. It-tnejn li huma jikkostitwixxu eċċezzjonijiet għall-preskrizzjoni. Peress li l-preskrizzjoni hija oġġettiva, it-tnejn li huma għandhom għalhekk japplikaw għall-fatti nnifishom. Dan japplika iktar u iktar f'każ ta' ksur kumpless, kontinwat u fuq kollox kollettiv.

195. Fit-tieni lok, is-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali għandha effett ħażin. L-effett relattiv tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, jista' fil-fatt, iwassal biex il-Kummissjoni ma tkunx iktar tista' taġixxi kontra impriża li, b'mod żbaljat, tkun tħalliet fil-ġenb, peress li tali azzjoni tista' tkun preskritta.

196. Għaldaqstant, ma nara ebda raġuni għalfejn għandha ssir distinzjoni li tidher li hija artifiċjali bejn l-effetti ta' waħda jew l-oħra fir-rigward tal-impriżi li pparteċipaw fil-ksur.

197. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003 għal din il-kawża, jiena nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkunsidra li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni matul il-proċedura ġudizzjarja għandha tapplika fil-konfront tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur, indipendentement minn jekk ikunux ippreżentaw rikors jew le.

c) Fuq it-tieni kwistjoni li tirrigwarda l-effetti ta' sentenza ta' annullament ta' deċiżjoni fuq il-kalkolu tal-perijodu ta' preskrizzjoni

198. Kif indikajt diġà, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha quddiemha l-kwistjoni tal-effetti ta' sentenza ta' annullament ta' deċiżjoni fuq il-kalkolu tal-perijodu tal-preskrizzjoni fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, dwar akkordju antikompetittiv fil-qasam tal-polyvinyl chloride. Il-fatti ta' dik il-kawża jixbhu ħafna lil dawk ta' din il-kawża peress li l-ewwel deċiżjoni ta' kundanna li ħadet il-Kummissjoni ġiet annullata mill-qorti tal-Unjoni wara li l-impriżi invokaw il-preskrizzjoni tal-proċeduri.

199. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument imressaq mir-rikorrenti fejn sostnew li l-annullament ta' dik l-ewwel deċiżjoni kienet irrendiet is-sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-istess bħad-deċiżjoni nnifisha, retroattivament ineżistenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li tali interpretazzjoni

xxejjen is-sens kollu tar-regola tas-sospensjoni peress li, fil-fehma tagħha, "huwa l-fatt stess li jkun hemm pendenti rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jew il-Qorti tal-Ġustizzja li jiġġustifika s-sospensjoni, u mhux il-konklużjonijiet li jaslu għalihom dawk il-qrati fis-sentenza tagħhom" [73].

200. Dan ir-raġunament ninterpretah bħala li l-Qorti tal-Ġustizzja tixtieq tippreserva d-dritt li għandha l-Kummissjoni biex tibda proċeduri twal bħall-proċeduri ġudizzjarji. Fil-fatt, bl-aċċettazzjoni li l-annullament tad-deċiżjoni jwassal biex is-sospensjoni tispiċċa b'mod retroattiv, il-qorti tal-Unjoni tesponi ruħha u tesponi lill-Kummissjoni għall-fatt li l-preskrizzjoni tagħlaq wara l-proċedura ġudizzjarja, u dan fid-dawl tad-dewmien tal-istess proċedura.

201. Tajba kemm hi tajba din l-intenzjoni, ma jidhirlix li din tippermetti interpretazzjoni bħal dik li ngħatat fis-sentenza msemmija.

202. L-ewwel nett, għalkemm naqbel mal-konklużjoni li s-sospensjoni tkun iġġustifikata meta jkun hemm azzjoni ġudizzjarju u mhux meta jkun hemm l-eżitu tal-proċedura ġudizzjarja, xorta jibqa' l-fatt li l-qorti tal-Unjoni għandha tislet il-konsegwenzi kollha minn sentenza ta' annullament.

203. Fil-fatt, skont l-Artikolu 264(1) TFUE, "[j]ekk l-azzjoni tkun fondata, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara d-deċiżjoni in kwistjoni bħala nulla". L-effett ta' sentenza ta' annullament huwa li l-att inkwistjoni jispiċċa b'mod retroattiv mill-ordinament ġuridiku. Skont il-ġurisprudenza, dak l-att jitqies għaldaqstant li qatt ma eżista [74]. F'dak li jirrigwarda l-effetti tiegħu, dawn jispiċċaw, fil-prinċipju, b'mod retroattiv sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddikjarax, skont l-Artikolu 264(2) TFUE, liema mill-effetti tal-att iddikjarat null għandhom jiġu kkunsidrati bħala definittivi. F'dan ir-rigward, fil-fehma tiegħi, ma jidhirx li hemm dubju li l-effetti ġuridiċi tal-att inkwistjoni huma dawk biss li jinsabu fil-parti dispożittiva tiegħu.

204. F'dak li jikkonċerna lill-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li huma jridu "jitpoġġew

73 — Punti 152 u 153.

74 — Ara s-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (22/70, Ġabra p. 263, punt 59); tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni (97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, Ġabra p. 2181, punt 30), u tas-26 ta' April 1994, Roquette Frères (C-228/92, Ġabra p. I-1445, punt 17).

fl-*istatus quo ante* u […] jerġgħu jeżaminaw il-kwistjonijiet biex isolvuhom skont id-dritt [tal-Unjoni]" [75]. Fi kliem ieħor, il-partijiet iridu jitpoġġew lura fl-istess stat li huma kienu fih qabel l-att annullat. Konsegwentement, applikati dawn il-prinċipji, iċ-ċirkustanzi proċedurali li jseħħu wara l-att inkwistjoni ma jistgħu f'ebda każ jittieħdu inkunsiderazzjoni. Bħalma att istruttorju invalidu ma jista' qatt jinterrompi l-preskrizzjoni, ir-rikors kontra deċiżjoni nulla ma jista' qatt jissospendi l-preskrizzjoni.

205. Li l-partijiet jitpoġġew fl-*istatus quo ante* tagħhom ifisser li, wara s-sentenza ta' annullament, dawn jitqiesu fis-sitwazzjoni ġuridika rispettiva tagħhom bħallikieku l-att annullat ma kien ġie adottat qatt. Li dawn jerġgħu jeżaminaw il-kwistjonijiet biex isolvuhom skont id-dritt tal-Unjoni jfisser li jiġi analizzat, fil-mument tal-analiżi l-ġdida, liema huma r-regoli ġuridiċi, proċedurali u sostantivi, li japplikaw, u dan daqslikieku s-sanzjoni kienet ser tittieħed għall-ewwel darba. Jekk, pereżempju, il-bażi legali li kienet tippermetti li tiġi imposta s-sanzjoni ma tkunx għadha teżisti, huwa ċar li l-azzjoni ma tkunx tista' terġa' tittieħed. Jekk it-terminu għall-proċeduri jkun skada, ma narax għalfejn l-azzjoni tibqa' possibbli xorta waħda.

206. Fil-kawżi tal-kompetizzjoni, dan għandu għalhekk ifisser li l-annullament tad-deċiżjoni jġib miegħu t-tneħħija retroattiva tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni u li l-Kummissjoni għandha, fit-terminu li jibqgħalha qabel ma l-preskrizzjoni tagħlaq, tadotta deċiżjoni ġdida konformi mad-dritt tal-Unjoni.

207. Jekk tiġi applikata soluzzjoni oħra, din tkun tmur, fuq kollox, kontra l-obbligu tal-osservanza tal-perijodu raġonevoli ggarantit kemm mill-Artikoli 41(1) u 47(2) tal-Karta kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-KEDB [76].

208. Fil-fatt, l-interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, għall-ebda raġuni ma għandha ċċaħħad lill-impriża mid-dritt li l-proċeduri u d-deċiżjoni fil-konfront tagħha jsiru fi żmien raġonevoli. L-osservanza ta' dan il-prinċipju fundamentali japplika, qabel kollox, għall-Kummissjoni li hija responsabbli

75 — Sentenza tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (punt 60).

76 — Għal espożizzjoni fuq il-kontenut ta' dan il-prinċipju, ara l-punti 267 *et seq* tal-konklużjonijiet tiegħi, ippreżentati fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Der Grüne Punkt — Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-385/07 P, Ġabra p. I-6155).

mill-fażi amministrattiva tal-proċedura [77]. Dan japplika wkoll għall-qorti tal-Unjoni, li hija responsabbli mill-istħarriġ tal-leġalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni [78].

209. Ir-regoli tal-preskrizzjoni, l-istess bħall-prinċipju taż-żmien raġonevoli, jrendu ż-żmien bħala xi ħaġa imperattiva fl-organizzazzjoni tal-proċeduri. Huma jirriflettu l-għan leġittimu tal-ordninament ġuridiku li jissuġġetta l-eżerċizzju tas-setgħa ta' prosekuzzjoni li għandha l-Kummissjoni u l-eżerċizzju tal-istħarriġ tal-legalità li jagħmlu l-awtoritajiet ġudizzjarji, għal ċertu terminu ta' żmien. Hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni [79], huwa importanti li jiġi evitat li d-drittijiet tad-difiża jiġu kompromessi b'mod irrimedjabbli minħabba t-tul taż-żmien eċċessiv tal-fażi istruttorja u li dan it-tul taż-żmien jista' jkun ta' ostakolu biex jinġiebu provi intiżi sabiex jikkonfutaw l-eżistenza ta' aġir li jista' jwassal biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-impriżi kkonċernati. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi li l-evalwazzjoni tas-sors tal-eventwali tnaqqis tal-effikaċja tad-drittijiet tad-difiża għandha tiġi estiża għal din il-proċedura kollha, amministrattiva u ġudizzjarja, billi tirreferi għat-tul taż-żmien totali tagħha [80].

210. Issa, proċedura għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, li tiġi preskritta, fil-prinċipju, fi żmien ħames snin u li għadha għaddejja 20 sena wara t-twettiq tal-ksur, għandha titqies li osservat ir-rekwiżit taż-żmien raġonevoli?

211. Il-Kummissjoni, l-istess bħall-qorti tal-Unjoni, għandha tiżgura għalhekk li l-implementazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni jiffavorixxu l-prosekuzzjoni tal-awturi tal-ksur fi żmien raġonevoli u f'kuntest ta' proċedura diliġenti. Jekk ikun hemm kwistjonijiet ta' natura materjali li jimpedixxu t-twettiq ta' dawn l-għanijiet, hija l-Unjoni li għandha, wara analiżi, issib is-soluzzjonijiet meħtieġa.

212. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nipproponi għaldaqstant lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament Nru 1/2003 għal din il-kawża, tqis l-annullament tad-deċiżjoni b'riżultat tal-proċedura ġudizzjarja bħala li rrenda s-sospensjoni, l-istess bħad-deċiżjoni nnifisha, retroattivament ineżistenti.

77 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 1997, SCK u FNK vs Il-Kummissjoni (T-213/95 u T-18/96, Ġabra p. II-1739, punti 55 u 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), fejn il-qorti msemmija ddikjarat li l-"osservanza, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' perijodu raġonevoli għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet wara l-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tikkostitwixxi [...] prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju".

78 — Fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja introduċiet id-dritt għal smigħ fi żmien raġonevoli fil-kuntest tal-proċeduri tal-kompetizzjoni fis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, Ġabra p. I-8417). Sussegwentement, fis-sentenza Der Grüne Punkt — Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, hija kkunsidrat li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu seta' jwassal għal talba għal kumpens wara rikors ippreżentat kontra l-Komunità taħt l-Artikoli 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE.

79 — C-113/04 P, Ġabra p. I-8831.

80 — Points 55 u 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

d) L-applikazzjoni għal din il-kawża

213. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-ksur imwettaq minn Thyssen bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994 huwa preskritt b'effett mill-24 ta' April 2002.

214. Fil-fatt, l-annullament tad-deċiżjoni inizjali rrenda ineżistenti l-ewwel sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-istess bħal din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, l-aħħar att li interrompa l-preskrizzjoni kien in-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fl-24 ta' April 1997. Skont l-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri mill-ġdid wara kull interruzzjoni. Konsegwentement, il-preskrizzjoni ta' ħames snin f'dak li jikkonċerna l-ksur imwettaq minn Thyssen għalqet fl-24 ta' April 2002.

215. Il-ksur imwettaq minn Thyssen huwa, għaldaqstant, preskritt.

VI — Fuq l-ispejjeż

216. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

217. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, li ġie reż applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 tal-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

218. F'din il-kawża, il-Kummissjoni tilfet il-parti l-kbira tal-argumenti tagħha. Konsegwentement, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkundanna lill-Kummissjoni biex tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll 50 % mill-ispejjeż ta' TKS.

219. TKS għandha tbati 50 % mill-ispejjeż tagħha stess.

VII — Konklużjoni

220. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara:

"1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej tal-1 ta' Lulju 2009, ThyssenKrupp Stainless AG vs Il-Kummissjoni (T-24/07), hija annullata.

2) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/486/KE, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar proċedura skond l-Artikolu 65 tat-Trattat KEFA (Każ Nru COMP/F/39.234 — Alloy surcharge — adozzjoni mill-ġdid), huwa annullat inkwantu jimputa lil ThyssenKrupp Stainless AG ir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq minn Thyssen Stahl AG bejn is-16 ta' Diċembru 1993 u l-31 ta' Diċembru 1994.

3) Il-ksur imwettaq minn Thyssen Stahl AG huwa preskritt.

4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll 50 % tal-ispejjeż ta' ThyssenKrupp Stainless AG.

5) ThyssenKrupp Stainless AG għandha tbati 50 % tal-ispejjeż tagħha stess."